Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0264

Ċerti rekwiżiti ta’ rapportar u ta’ diliġenza dovuta korporattivi dwar is-sostenibbiltà

Emendi* adottati mill-Parlament Ewropew fit-13 ta' Novembru 2025 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2006/43/KE, 2013/34/UE, (UE) 2022/2464 u (UE) 2024/1760 fir-rigward ta’ ċerti rekwiżiti ta’ rapportar u ta’ diliġenza dovuta korporattivi dwar is-sostenibbiltà (COM(2025)0081 – C10-0037/2025 – 2025/0045(COD))[1]

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Emenda 1

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-Artikolu 26a(1) tad-Direttiva 2006/43/KE jirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li l-awdituri statutorji u d-ditti tal-awditjar iwettqu l-aċċertament tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà f’konformità mal-istandards ta’ aċċertament limitati li għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni. L-Artikolu 26a(3) ta’ dik id-Direttiva jirrikjedi li l-Kummissjoni tadotta dawn l-istandards sal-1 ta’	(3) L-Artikolu 26a(1) tad-Direttiva 2006/43/KE jirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li l-awdituri statutorji u d-ditti tal-awditjar iwettqu l-aċċertament tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà f’konformità mal-istandards ta’ aċċertament limitati li għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni. L-Artikolu 26a(3) ta’ dik id-Direttiva jirrikjedi li l-Kummissjoni tadotta dawn l-istandards sal-1 ta’

* Ir-referenzi għal “cp” fl-intestaturi tal-emendi adottati għandhom jinftiehmu bħala l-parti korrispondenti ta’ dawk l-emendi.

1 Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli, skont l-Artikolu 60(4), ir-raba' subparagrafu (A10-0197/2025).

Ottubru 2026. L-impriżi qajmu tħassib dwar il-ħidma mwettqa mill-fornituri tal-aċċertament u esprimew il-ħtieġa għal flessibbiltà fl-indirizzar ta' riskji speċifiċi u kwistjonijiet kritiċi identifikati fl-oqsma tal-aċċertament dwar is-sostenibbiltà. ***Sabiex il-Kummissjoni tkun tista'*** tqis dan it-tħassib***, jenħtieġ li tingħata aktar flessibbiltà fl-adozzjoni*** ta' ***dawk l-istandards. Fi kwalunkwe każ, sal-2026, il-Kummissjoni se toħroġ linji gwida mmirati dwar l-aċċertament li jiċċaraw il-proċeduri neċessarji li l-fornituri tal-aċċertament għandhom iwettqu bħala parti mill-inkarigu ta'*** aċċertament limitat ***tagħhom qabel ma*** l-Kummissjoni tadotta ***l-istandards permezz ta'*** att delegat.	Ottubru 2026. L-impriżi qajmu tħassib dwar il-ħidma mwettqa mill-fornituri tal-aċċertament u esprimew il-ħtieġa għal flessibbiltà fl-indirizzar ta' riskji speċifiċi u kwistjonijiet kritiċi identifikati fl-oqsma tal-aċċertament dwar is-sostenibbiltà. ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni*** tqis ***kif xieraq*** dan it-tħassib ***meta taħdem fuq l-istandards*** ta' aċċertament limitat***. In-nuqqas ta' standards armonizzati ta' aċċertament qed jikkontribwixxi għall-problemi li qed jesperjenzaw l-impriżi, u għalhekk huwa urġenti ferm li*** l-Kummissjoni tadotta att delegat ***xieraq kif ippjanat***.

Emendi 221 u 279

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) L-Artikolu 19a(1) tad-Direttiva 2013/34/UE jirrikjedi li l-impriżi kbar u l-impriżi żgħar u ta' daqs medju b'titoli ammessi għan-negozjar f'suq regolat tal-UE, eskluż l-mikroimpriżi, iħejju u jippubblikaw dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà fil-livell individwali. Sabiex jitnaqqas il-piż tar-rapportar fuq l-impriżi, l-obbligu li titħejja u tiġi ppubblikata dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà fil-livell individwali jenħtieġ li jitnaqqas għal impriżi ***kbar*** b'medja ta' aktar minn	(5) L-Artikolu 19a(1) tad-Direttiva 2013/34/UE jirrikjedi li l-impriżi kbar u l-impriżi żgħar u ta' daqs medju b'titoli ammessi għan-negozjar f'suq regolat tal-UE, eskluż l-mikroimpriżi, iħejju u jippubblikaw dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà fil-livell individwali. Sabiex jitnaqqas il-piż tar-rapportar fuq l-impriżi, l-obbligu li titħejja u tiġi ppubblikata dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà fil-livell individwali jenħtieġ li jitnaqqas għal impriżi b'medja ta' aktar minn ***1 750***

1000 impjegat matul is-sena finanzjarja. ***Meta jitqies li biex impriża tkun kbira din trid taqbeż tnejn mit-tliet kriterji fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2013/34/UE, dan ifisser li biex impriża tkun soġġetta għar-rekwiżiti ta' rapportar, din irid jkollha medja ta' aktar minn 1000 impjegat matul is-sena finanzjarja u jew fatturat nett ta' aktar minn EUR 50 miljun jew inkella total tal-karta tal-bilanċ ta' aktar minn EUR 25 miljun***.	impjegat ***u fatturat nett ta' aktar minn EUR 450 000 000*** matul is-sena finanzjarja. ***Jenħtieġ li jkun possibbli li l-impriżi prinċipali apikali li huma impriżi holding finanzjarji mhux involuti f'attivitajiet ta' ġestjoni jiġu eżentati milli jikkonformaw mal-obbligi ta' rapportar.***

Emenda 3

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Jeħtieġ li jinstab bilanċ bejn l-objettivi tal-ġenerazzjoni tad-data u tat-tnaqqis tal-piż amministrattiv. Ir-rapportar dwar is-sostenibbiltà, inkluża l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9], ta' impriżi kbar b'medja ta' aktar minn 1000 impjegat matul is-sena finanzjarja, huwa indispensabbli biex tinftiehem it-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima. Fid-dawl tal-bilanċ li għandu jinstab bejn l-objettivi tal-ġenerazzjoni tad-data u tat-tnaqqis tal-piż amministrattiv, jenħtieġ li l-impriżi kbar li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni l-ġdid għar-rapportar dwar is-sostenibbiltà li għandhom fatturat nett li	***imħassar***

ma jaqbiżx l-EUR 450 000 000 matul is-sena finanzjarja, ikunu jistgħu jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2020/852 b'mod aktar flessibbli. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tistabbilixxi regoli li jissupplimentaw ir-reġim ta' rapportar għal dawk l-impriżi. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tispeċifika r-reġim ta' rapportar għal attivitajiet li huma allinjati biss parzjalment mat-tassonomija.

_____

[9] Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/852/oj).

Emendi 222 u 280

Proposta għal direttiva
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) L-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2013/34/UE jispeċifika li l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi tal-assigurazzjoni li huma impriżi kbar jew impriżi żgħar u ta' daqs medju – eskluż l-mikroimpriżi – b'titoli ammessi għan-negozjar f'suq regolat tal-	(7) L-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2013/34/UE jispeċifika li l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi tal-assigurazzjoni li huma impriżi kbar jew impriżi żgħar u ta' daqs medju – eskluż l-mikroimpriżi – b'titoli ammessi għan-negozjar f'suq regolat tal-

UE huma soġġetti għar-rekwiżiti ta’ rapportar dwar is-sostenibbiltà stabbiliti f’dik id-Direttiva, irrispettivament mill-forma legali tagħhom. Meta jitqies li l-kamp ta’ applikazzjoni tar-rapportar individwali dwar is-sostenibbiltà jenħtieġ li jitnaqqas għal impriżi ***kbar*** b’medja ta’ aktar minn ***1000*** impjegat matul is-sena finanzjarja, jenħtieġ li dan it-tnaqqis fil-kamp ta’ applikazzjoni jkun japplika wkoll għall-istituzzjonijiet ta’ kreditu u għall-impriżi tal-assigurazzjoni.	UE huma soġġetti għar-rekwiżiti ta’ rapportar dwar is-sostenibbiltà stabbiliti f’dik id-Direttiva, irrispettivament mill-forma legali tagħhom. Meta jitqies li l-kamp ta’ applikazzjoni tar-rapportar individwali dwar is-sostenibbiltà jenħtieġ li jitnaqqas għal impriżi b’medja ta’ aktar minn ***1 750*** impjegat ***u fatturat nett ta’ aktar minn EUR 450 000 000*** matul is-sena finanzjarja, jenħtieġ li dan it-tnaqqis fil-kamp ta’ applikazzjoni jkun japplika wkoll għall-istituzzjonijiet ta’ kreditu u għall-impriżi tal-assigurazzjoni.

Emenda 5

Proposta għal direttiva
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Għall-fini ta’ konsistenza ma’ din id-Direttiva, huwa importanti li l-leġiżlazzjoni tas-settur finanzjarju tibqa’ koerenti mad-dispożizzjonijiet tagħha. F’dan il-kuntest, jenħtieġ li jiġi kkunsidrat jekk ir-rekwiżiti għas-settur finanzjarju għandhomx jitfasslu b’mod li ma joħloqx obbligu għall-impriżi finanzjarji li jiksbu kwalunkwe informazzjoni minn impriżi li mhumiex obbligati li jippubblikaw informazzjoni mhux finanzjarja skont l-Artikolu 19a jew 29a tad-Direttiva 2013/34/UE. Jenħtieġ li jiġi kkunsidrat ukoll jekk il-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji speċifika għas-settur, inklużi l-atti delegati, il-linji gwida mill-awtoritajiet superviżorji Ewropej (ASE) u l-

	aspettattivi superviżorji, għandhiex tiġi adattata biex tqis il-kontenut ta' din id-Direttiva.

Emendi 223 u 281

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) L-Artikolu 19a(3) tad-Direttiva 2013/34/UE jirrikjedi li l-impriżi jirrapportaw informazzjoni dwar l-operazzjonijiet proprji tal-impriża u dwar il-katina tal-valur tagħha. Huwa meħtieġ li jitnaqqas il-piż tar-rapportar għall-impriżi fil-katina tal-valur li ma humiex meħtieġa jirrapportaw dwar is-sostenibbiltà tagħhom. Għalhekk, l-impriża li tirrapporta, għall-finijiet tar-rapportar ta' informazzjoni dwar is-sostenibbiltà fil-livell individwali jew konsolidat, kif meħtieġ mid-Direttiva 2013/34/UE, u mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tal-Unjoni biex twettaq proċess ta' diliġenza dovuta, jenħtieġ li ma tfittixx li tikseb mingħand impriżi ***stabbiliti fl-Unjoni jew barra minnha fil-katina tal-valur tagħha li jkollhom sa medja ta' 1000*** impjegat matul is-sena finanzjarja, kwalunkwe informazzjoni li tmur lil hinn mill-informazzjoni speċifikata fl-istandards għall-użu volontarju mill-impriżi li ma humiex meħtieġa jirrapportaw dwar is-sostenibbiltà tagħhom. ***Madankollu,*** jenħtieġ li l-impriża li tirrapporta titħalla tiġbor mingħand tali impriżi fil-katina tal-valur tagħha kwalunkwe informazzjoni addizzjonali dwar is-sostenibbiltà li tkun kondiviża	(9) L-Artikolu 19a(3) tad-Direttiva 2013/34/UE jirrikjedi li l-impriżi jirrapportaw informazzjoni dwar l-operazzjonijiet proprji tal-impriża u dwar il-katina tal-valur tagħha. Huwa meħtieġ ***li jkun hemm ċarezza u*** li jitnaqqas il-piż tar-rapportar għall-impriżi fil-katina tal-valur li ma humiex meħtieġa jirrapportaw dwar is-sostenibbiltà tagħhom. Għalhekk, l-impriża li tirrapporta, għall-finijiet tar-rapportar ta' informazzjoni dwar is-sostenibbiltà fil-livell individwali jew konsolidat, kif meħtieġ mid-Direttiva 2013/34/UE, u mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tal-Unjoni biex twettaq proċess ta' diliġenza dovuta, jenħtieġ li ma tfittixx li tikseb mingħand impriżi ***b'medja ta' aktar minn 1 750*** impjegat ***u fatturat nett ta' aktar minn EUR 450 000 000*** matul is-sena finanzjarja, kwalunkwe informazzjoni li tmur lil hinn mill-informazzjoni speċifikata fl-istandards għall-użu volontarju mill-impriżi li ma humiex meħtieġa jirrapportaw dwar is-sostenibbiltà tagħhom. Jenħtieġ li l-impriża li tirrapporta ***tadotta approċċ ibbażat fuq ir-riskji, filwaqt li tipprijoritizza l-isforzi biex tinġabar informazzjoni dwar impatti ta'***

b’mod komuni bejn l-impriżi fis-settur ikkonċernat. L-impriżi li jirrapportaw dwar il-katina tal-valur tagħhom f’konformità ma’ dawk il-limitazzjonijiet jenħtieġ li jitqiesu li jikkonformaw mal-obbligu li jirrapportaw dwar is-sostenibbiltà tagħhom. Il-fornituri tal-aċċertament jenħtieġ li jħejju l-opinjoni ta’ aċċertament tagħhom filwaqt li jirrispettaw l-obbligu fuq l-impriżi li ma jfittxux li jiksbu mingħand impriżi fil-katina tal-valur tagħhom li jkollhom sa ***medja ta’ 1000*** impjegat matul is-sena finanzjarja, kwalunkwe informazzjoni li tmur lil hinn mill-informazzjoni speċifikata fl-istandards għall-użu volontarju mill-impriżi li ma humiex meħtieġa jirrapportaw dwar is-sostenibbiltà tagħhom. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta att delegat biex tipprevedi standards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà għall-użu volontarju mill-impriżi li ma humiex meħtieġa jirrapportaw dwar is-sostenibbiltà tagħhom. Jenħtieġ li dawn l-istandards ikunu proporzjonati u rilevanti għall-kapaċitajiet u l-karatteristiċi ta’ dawk l-impriżi u għall-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom. Jenħtieġ li dawn l-istandards jispeċifikaw ukoll, fejn possibbli, l-istruttura li għandha tintuża biex tiġi ppreżentata dik l-informazzjoni.

riskju għoli u kwistjonijiet ta’ sostenibbiltà komunement assoċjati mas-settur tagħha u li titħalla tiġbor mingħand tali impriżi fil-katina tal-valur tagħha kwalunkwe informazzjoni addizzjonali dwar is-sostenibbiltà li tkun kondiviża b’mod komuni bejn l-impriżi fis-settur ikkonċernat. ***Meta ma tkunx disponibbli l-informazzjoni kollha meħtieġa rigward il-katina tal-valur tagħhom, jew tali informazzjoni ma tkunx kompluta jew tkun soġġetta għal limitazzjonijiet legali, jenħtieġ li l-impriżi jitħallew jispjegaw l-isforzi li jkunu saru biex jiksbu l-informazzjoni meħtieġa dwar il-katina tal-valur tagħhom, ir-raġunijiet għaliex dik l-informazzjoni ma setgħetx tinkiseb, u l-pjanijiet tagħhom biex jiksbu tali informazzjoni fil-futur***. L-impriżi li jirrapportaw dwar il-katina tal-valur tagħhom f’konformità ma’ dawk il-limitazzjonijiet jenħtieġ li jitqiesu li jikkonformaw mal-obbligu li jirrapportaw dwar is-sostenibbiltà tagħhom. Il-fornituri tal-aċċertament jenħtieġ li jħejju l-opinjoni ta’ aċċertament tagħhom filwaqt li jirrispettaw l-obbligu fuq l-impriżi li ma jfittxux li jiksbu mingħand impriżi fil-katina tal-valur tagħhom li jkollhom ***bħala medja*** sa ***1 750*** impjegat ***u fatturat nett sa EUR 450 000 000*** matul is-sena finanzjarja, kwalunkwe informazzjoni li tmur lil hinn mill-informazzjoni speċifikata fl-istandards għall-użu volontarju mill-impriżi li ma humiex meħtieġa jirrapportaw dwar is-sostenibbiltà tagħhom. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni

	tingħata s-setgħa li tadotta att delegat biex tipprevedi standards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà għall-użu volontarju mill-impriżi li ma humiex meħtieġa jirrapportaw dwar is-sostenibbiltà tagħhom. Jenħtieġ li dawn l-istandards ikunu proporzjonati u rilevanti għall-kapaċitajiet u l-karatteristiċi ta' dawk l-impriżi u għall-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom. Jenħtieġ li dawn l-istandards jispeċifikaw ukoll, fejn possibbli, l-istruttura li għandha tintuża biex tiġi ppreżentata dik l-informazzjoni. ***Jenħtieġ li l-impriżi fil-katina tal-valur jitħallew jagħżlu mudell għar-rapportar ta' informazzjoni dwar is-sostenibbiltà b'mod volontarju, sabiex l-impriżi li jitolbu informazzjoni ma jkunux meħtieġa jivvalutaw jew jimmappjaw il-kategoriji tad-daqs tal-entitajiet kollha fil-katina tal-valur tagħhom.***

Emenda 7

Proposta għal direttiva
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Sakemm il-Kummissjoni tadotta standards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà għall-użu volontarju, l-impriżi li jirrapportaw informazzjoni dwar is-sostenibbiltà b'mod volontarju jistgħu jagħmlu dan skont ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2025/4984, li hija bbażata fuq l-istandard volontarju għall-SMEs (VSME) żviluppat mill-EFRAG. Biex jiġu żgurati l-kontinwità u l-

proporzjonalità, l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà għall-użu volontarju adottati mill-Kummissjoni bħala att delegat jenħtieġ li jkunu bbażati fuq dik ir-rakkomandazzjoni, u jenħtieġ li jkunu proporzjonati u jqisu l-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir"; jenħtieġ li jużaw lingwaġġ u modularità simplifikati li jippermettu flessibbiltà u progressjoni fid-divulgazzjonijiet. Jenħtieġ li l-objettiv ta' dan l-istandard volontarju jkun li jappoġġja lill-kumpaniji: (a) fl-għoti ta' informazzjoni li tgħin biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tad-data ta' impriżi li jitolbu informazzjoni dwar is-sostenibbiltà mill-forniturituri tagħhom; (b) fl-għoti ta' informazzjoni li tgħin biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tad-data mill-banek u mill-investituri, u b'hekk tgħin lill-impriżi fl-aċċess tagħhom għall-finanzjament; (c) fit-titjib tal-ġestjoni tal-kwistjonijiet ta' sostenibbiltà li jiffaċċjaw, jiġifieri sfidi ambjentali u soċjali bħat-tniġġis, is-saħħa u s-sikurezza tal-forza tax-xogħol; dan se jappoġġja t-tkabbir kompetittiv tagħhom u jtejjeb ir-reżiljenza tagħhom fuq terminu qasir, medju u twil; u (d) fil-kontribut għal ekonomija aktar sostenibbli u inklużiva.

Emenda 8

Proposta għal direttiva
Premessa 9b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9b) Jenħtieġ li r-rekwiżiti tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà ma jobbligawx impriża tiddivulga informazzjoni bħall-kapital intellettwali, il-proprjetà intellettwali, l-għarfien espert jew ir-riżultati tal-innovazzjoni li jikkwalifikaw bħala sigrieti kummerċjali kif definit fid-Direttiva (UE) 2016/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Għalhekk jenħtieġ li r-rekwiżiti tar-rapportar previsti f'din id-Direttiva emendatorja jkunu mingħajr preġudizzju għad-Direttiva (UE) 2016/943.

Emendi 224 u 282

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-Artikolu 29a(1) tad-Direttiva 2013/34/UE jirrikjedi li l-impriżi omm ta' gruppi kbar iħejju u jippubblikaw dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà fil-livell konsolidat. Sabiex jitnaqqas il-piż tar-rapportar fuq dawk l-impriżi omm, jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dak l-obbligu jitnaqqas għall-impriżi omm ta' gruppi ***kbar*** b'medja ta' aktar minn ***1000*** impjegat, fuq bażi konsolidata, matul is-sena finanzjarja.	(12) L-Artikolu 29a(1) tad-Direttiva 2013/34/UE jirrikjedi li l-impriżi omm ta' gruppi kbar iħejju u jippubblikaw dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà fil-livell konsolidat. Sabiex jitnaqqas il-piż tar-rapportar fuq dawk l-impriżi prinċipali, jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dak l-obbligu jitnaqqas għall-impriżi prinċipali ta' gruppi b'medja ta' aktar minn ***1 750*** impjegat ***u fatturat nett ta' aktar minn EUR 450 000 000***, fuq bażi konsolidata, matul is-sena finanzjarja.

Emenda 10

Proposta għal direttiva
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a)Id-Direttiva (UE) 2022/2464 tirrikjedi li l-impriżi fil-kamp ta' applikazzjoni jirrapportaw informazzjoni dwar is-sostenibbiltà skont l-Istandards Ewropej tar-Rapportar dwar is-Sostenibbiltà (ESRS) obbligatorji. F'Lulju 2023, il-Kummissjoni adottat l-ewwel sett ta' ESRS. Għal riżultati fi żmien qasir għas-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà, il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta att delegat mill-aktar fis possibbli, u mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, biex tirrevedi l-ewwel sett ta' ESRS ħalli tirriforma l-istandards b'mod sostanzjali: (i) bit-tneħħija tal-punti ta' data meqjusa bħala l-anqas importanti għar-rapportar dwar is-sostenibbiltà għal skopijiet ġenerali, (ii) bil-prijoritizzazzjoni tal-indikaturi kwantitattivi minflok tat-testi narrattivi, (iii) bl-għoti ta' istruzzjonijiet ċari dwar kif jiġi applikat il-prinċipju ta' materjalità, biex jiġi żgurat li l-impriżi jkunu meħtieġa jirrapportaw biss informazzjoni materjali, u jitnaqqas ir-riskju li l-fornituri ta' servizzi ta' aċċertament jħeġġu b'mod involontarju lill-impriżi jirrapportaw informazzjoni li ma tkunx meħtieġa jew li jiddedikaw

	riżorsi eċċessivi għall-proċess ta' valutazzjoni tal-materjalità, (iv) billi tittejjeb il-konsistenza ma' leġiżlazzjoni oħra tal-UE, inkluża l-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji, (v) billi tiġi żgurata, kemm jista' jkun, l-interoperabbiltà mal-istandards globali tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà.

Emenda 11

Proposta għal direttiva
Premessa 12b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12b) Biex jiġu ċċarati aħjar it-talbiet li jsiru lill-impriżi holding finanzjarji li huma impriżi prinċipali, dawn biss huma eżentati milli jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva. Bl-istess mod, biex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-impriżi, għal akkwiżizzjonijiet reċenti ta' impriżi sussidjarji li għadhom mhumiex qed jirrapportaw, jenħtieġ li l-impriża prinċipali tibbenefika minn perjodu ta' tranżizzjoni ta' 24 xahar.

Emenda 12

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) L-Artikolu 29b(1), it-tielet subparagrafu tad-Direttiva 2013/34/UE jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta standards	(13) L-Artikolu 29b(1), it-tielet subparagrafu**,** tad-Direttiva 2013/34/UE jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta standards

tar-rapportar speċifiċi għas-settur permezz ta’ atti delegati, u l-ewwel sett ta’ tali standards għandu jiġi adottat sat-30 ta’ Ġunju 2026. Sabiex tiġi evitata żieda fl-għadd ta’ punti ta’ data preskritti li l-impriżi jenħtieġ li jirrapportaw, din is-setgħa jenħtieġ li titneħħa.	tar-rapportar speċifiċi għas-settur permezz ta’ atti delegati, u l-ewwel sett ta’ tali standards għandu jiġi adottat sat-30 ta’ Ġunju 2026. Sabiex tiġi evitata żieda fl-għadd ta’ punti ta’ data preskritti li l-impriżi jenħtieġ li jirrapportaw, din is-setgħa jenħtieġ li titneħħa. ***Minflok, jenħtieġ li l-Kummissjoni toħroġ linji gwida volontarji speċifiċi għas-settur biex tappoġġja lill-impriżi u lill-awdituri fil-valutazzjoni tar-riskji, l-opportunitajiet u l-impatti tagħhom f’setturi speċifiċi, biex tiffaċilita l-applikazzjoni tal-ESRS f’settur partikolari, biex jiġu identifikati l-kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà li x’aktarx ikunu sinifikanti għal settur speċifiku u biex jitnaqqas il-piż tar-rapportar. Jenħtieġ li dawk il-linji gwida jkunu bbażati fuq il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.***

Emendi 225 u 283

Proposta għal direttiva
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) L-Artikolu 29b(4) tad-Direttiva 2013/34/UE jirrikjedi li l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà ma jispeċifikawx divulgazzjonijiet li jirrikjedu li l-impriżi jiksbu mingħand impriżi żgħar u ta’ daqs medju fil-katina tal-valur tagħhom kwalunkwe informazzjoni li tmur lil hinn mill-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata skont l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà	(14) L-Artikolu 29b(4) tad-Direttiva 2013/34/UE jirrikjedi li l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà ma jispeċifikawx divulgazzjonijiet li jirrikjedu li l-impriżi jiksbu mingħand impriżi żgħar u ta’ daqs medju fil-katina tal-valur tagħhom kwalunkwe informazzjoni li tmur lil hinn mill-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata skont l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà

għall-impriżi żgħar u ta’ daqs medju b’titoli ammessi għan-negozjar f’suq regolat tal-UE. Meta jitqies li l-impriżi żgħar u ta’ daqs medju b’titoli ammessi għan-negozjar f’suq regolat tal-UE jenħtieġ li jiġu esklużi mir-rapportar dwar is-sostenibbiltà, u sabiex jitnaqqas il-piż tar-rapportar għall-impriżi fil-katina tal-valur li ma humiex meħtieġa jirrapportaw dwar is-sostenibbiltà tagħhom, jenħtieġ li l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà ma jispeċifikawx divulgazzjonijiet li jirrikjedu li l-impriżi jiksbu mingħand l-impriżi fil-katina tal-valur tagħhom li għandhom medja ta’ ***1000*** impjegat matul is-sena finanzjarja, kwalunkwe informazzjoni li tmur lil hinn mill-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata skont l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà għall-użu volontarju mill-impriżi li ma humiex meħtieġa jirrapportaw dwar is-sostenibbiltà tagħhom.

għall-impriżi żgħar u ta’ daqs medju b’titoli ammessi għan-negozjar f’suq regolat tal-UE. Meta jitqies li l-impriżi żgħar u ta’ daqs medju b’titoli ammessi għan-negozjar f’suq regolat tal-UE jenħtieġ li jiġu esklużi mir-rapportar dwar is-sostenibbiltà, u sabiex jitnaqqas il-piż tar-rapportar għall-impriżi fil-katina tal-valur li ma humiex meħtieġa jirrapportaw dwar is-sostenibbiltà tagħhom, jenħtieġ li l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà ma jispeċifikawx divulgazzjonijiet li jirrikjedu li l-impriżi jiksbu mingħand l-impriżi fil-katina tal-valur tagħhom li għandhom medja ta’ ***1 750*** impjegat ***u fatturat nett sa EUR 450 000 000*** matul is-sena finanzjarja, kwalunkwe informazzjoni li tmur lil hinn mill-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata skont l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà għall-użu volontarju mill-impriżi li ma humiex meħtieġa jirrapportaw dwar is-sostenibbiltà tagħhom.

Emenda 15

Proposta għal direttiva
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) L-Artikolu 29d tad-Direttiva 2013/34/UE jirrikjedi li l-impriżi soġġetti għar-rekwiżiti tal-Artikolu 19a u 29a ta’ din id-Direttiva jħejju r-rapport ta’ ġestjoni tagħhom, jew ir-rapport ta’ ġestjoni kkonsolidat, fejn applikabbli, fil-format elettroniku għar-rapportar speċifikat fl-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE)	(15) L-Artikolu 29d tad-Direttiva 2013/34/UE jirrikjedi li l-impriżi soġġetti għar-rekwiżiti tal-Artikolu 19a u 29a ta’ din id-Direttiva jħejju r-rapport ta’ ġestjoni tagħhom, jew ir-rapport ta’ ġestjoni kkonsolidat, fejn applikabbli, fil-format elettroniku għar-rapportar speċifikat fl-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE)

2018/815[11] u jimmarkaw ir-rapportar dwar is-sostenibbiltà tagħhom, inkluż id-divulgazzjonijiet previsti fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12], f'konformità mal-format elettroniku għar-rapportar speċifikat f'dak ir-Regolament Delegat. Sabiex tiġi pprovduta ċarezza lill-impriżi, jenħtieġ li jiġi speċifikat li sakemm ***jiġu adottati*** tali regoli dwar l-immarkar permezz ta' dak ir-Regolament Delegat, jenħtieġ li ***għall-immarkar tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà,*** l-impriżi ma jkunux meħtieġa jimmarkaw ir-rapportar dwar is-sostenibbiltà tagħhom.

2018/815[11] u jimmarkaw ir-rapportar dwar is-sostenibbiltà tagħhom, inkluż id-divulgazzjonijiet previsti fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12], f'konformità mal-format elettroniku għar-rapportar speċifikat f'dak ir-Regolament Delegat. Sabiex tiġi pprovduta ċarezza lill-impriżi, jenħtieġ li jiġi speċifikat li sakemm tali regoli dwar l-immarkar ***tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà jiġu adottati*** permezz ta' dak ir-Regolament Delegat, jenħtieġ li l-impriżi ma jkunux meħtieġa jimmarkaw ir-rapportar dwar is-sostenibbiltà tagħhom.

---

[11] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/815 tas-17 ta' Diċembru 2018 li jissupplimenta d-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-ispeċifikazzjoni tal-format elettroniku uniku għar-rapportar (ĠU L 143, 29.5.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/815/oj).

[12] Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/852/oj).

---

[11] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/815 tas-17 ta' Diċembru 2018 li jissupplimenta d-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-ispeċifikazzjoni tal-format elettroniku uniku għar-rapportar (ĠU L 143, 29.5.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/815/oj).

[12] Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/852/oj).

Emenda 16

Proposta għal direttiva
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) L-Artikolu 33(1) tad-Direttiva 2013/34/UE jispeċifika li l-membri tal-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji ta' impriża għandhom ir-responsabbiltà kollettiva li jiżguraw li ***d-dokumenti li ġejjin*** jitfasslu u jiġu ppubblikati f'konformità mar-rekwiżiti ta' dik id-Direttiva. Sabiex tiġi pprovduta flessibbiltà għall-impriżi u jitnaqqas il-piż tar-rapportar tagħhom, ***jenħtieġ li jiġi speċifikat*** li r-responsabbiltà kollettiva tal-membri tal-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji ta' impriża għall-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 29d ta' dik id-Direttiva fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni tar-rapport ta' ġestjoni hija limitata għall-pubblikazzjoni tiegħu fil-format elettroniku uniku, inkluż l-immarkar tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà fih.	(16) L-Artikolu 33(1) tad-Direttiva 2013/34/UE jispeċifika li l-membri tal-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji ta' impriża għandhom ir-responsabbiltà kollettiva li jiżguraw li ***ċerti dokumenti*** jitfasslu u jiġu ppubblikati f'konformità mar-rekwiżiti ta' dik id-Direttiva. Sabiex tiġi pprovduta flessibbiltà għall-impriżi u jitnaqqas il-piż tar-rapportar tagħhom, ***l-Istati Membri jistgħu jipprevedu*** li r-responsabbiltà kollettiva tal-membri tal-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji ta' impriża għall-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 29d ta' dik id-Direttiva fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni tar-rapport ta' ġestjoni hija limitata għall-pubblikazzjoni tiegħu fil-format elettroniku uniku, inkluż l-immarkar tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà fih.

Emenda 17

Proposta għal direttiva
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Skont l-Artikolu 40a(1), ir-raba' u l-ħames subparagrafi tad-Direttiva 2013/34/UE, sussidjarja fl-Unjoni ta' impriża ta' pajjiż terz li tiġġenera fatturat nett ta' aktar minn EUR 150 miljun fl-Unjoni, jew, fin-nuqqas ta' tali sussidjarja, fergħa fl-Unjoni li tiġġenera fatturat nett ta' aktar minn EUR 40 miljun, għandha tippubblika u	(17) Skont l-Artikolu 40a(1), ir-raba' u l-ħames subparagrafi tad-Direttiva 2013/34/UE, sussidjarja fl-Unjoni ta' impriża ta' pajjiż terz li tiġġenera fatturat nett ta' aktar minn EUR 150 miljun fl-Unjoni, jew, fin-nuqqas ta' tali sussidjarja, fergħa fl-Unjoni li tiġġenera fatturat nett ta' aktar minn EUR 40 miljun, għandha

tagħmel aċċessibbli informazzjoni dwar is-sostenibbiltà fil-livell tal-grupp tal-impriża ***omm*** ta' pajjiż terz. ***Sabiex jintlaħaq allinjament aktar mill-qrib mal-kriterji użati biex jiġi definit liema impriżi jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2024/1760, jenħtieġ li l-livell limitu tal-fatturat nett għall-impriża ta' pajjiż terzi jiżdied minn EUR 150 000 000 għal EUR 450 000 000.*** Għal raġunijiet ta' konsistenza u tnaqqis tal-piż, jenħtieġ li jiġi aġġustat id-daqs li impriża sussidjarja u fergħa għandu jkollhom biex jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 40a. Id-daqs tal-impriża sussidjarja jenħtieġ li ***jkun dak ta' impriża kbira, filwaqt li l-kriterji tal-fatturat*** nett ***għall-fergħa jenħtieġ li jiżdiedu*** minn ***EUR 40 000 000 għal EUR 50 000 000, biex ikunu allinjati mal-livell limitu tal-fatturat nett għal impriżi kbar***.	tippubblika u tagħmel aċċessibbli informazzjoni dwar is-sostenibbiltà fil-livell tal-grupp tal-impriża ***prinċipali*** ta' pajjiż terz. Għal raġunijiet ta' konsistenza u tnaqqis tal-piż***, u sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi***, jenħtieġ li jiġi aġġustat id-daqs li impriża sussidjarja u fergħa għandu jkollhom biex jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 40a. Id-daqs tal-impriża sussidjarja ***u tal-fergħa*** jenħtieġ li ***jiġi stabbilit għal fatturat*** nett ***ta' aktar*** minn ***EUR 450 000 000***.

Emendi 226 u 284

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) L-Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu, tad-Direttiva (UE) 2022/2464 jispeċifika d-dati minn meta l-Istati Membri għandhom japplikaw ir-rekwiżiti ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà stabbiliti fid-Direttiva 2013/34/UE, b'dati differenti skont id-daqs tal-impriża kkonċernata. Meta jitqies li l-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti individwali ta' rapportar	(18) L-Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu, tad-Direttiva (UE) 2022/2464 jispeċifika d-dati minn meta l-Istati Membri għandhom japplikaw ir-rekwiżiti ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà stabbiliti fid-Direttiva 2013/34/UE, b'dati differenti skont id-daqs tal-impriża kkonċernata. Meta jitqies li l-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti individwali ta' rapportar

dwar is-sostenibbiltà jenħtieġ li jitnaqqas biex jinkludi biss impriżi ***kbar*** b'medja ta' aktar minn ***1000*** impjegat matul is-sena finanzjarja, u li l-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti konsolidati ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà jenħtieġ li jitnaqqas kif xieraq, jenħtieġ li l-kriterji għad-determinazzjoni tad-dati ta' applikazzjoni jiġu aġġustati, u jenħtieġ li titneħħa r-referenza għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju b'titoli ammessi għan-negozjar f'suq regolat tal-UE.	dwar is-sostenibbiltà jenħtieġ li jitnaqqas biex jinkludi biss impriżi b'medja ta' aktar minn ***1 750*** impjegat ***u fatturat nett ta' aktar minn EUR 450 000 000*** matul is-sena finanzjarja, u li l-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti konsolidati ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà jenħtieġ li jitnaqqas kif xieraq, jenħtieġ li l-kriterji għad-determinazzjoni tad-dati ta' applikazzjoni jiġu aġġustati, u jenħtieġ li titneħħa r-referenza għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju b'titoli ammessi għan-negozjar f'suq regolat tal-UE.

Emendi 227 u 285

Proposta għal direttiva
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) L-Artikolu 5(2), it-tielet subparagrafu, tad-Direttiva (UE) 2022/2464 jispeċifika d-dati minn meta l-Istati Membri għandhom japplikaw ir-rekwiżiti ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà stabbiliti fid-Direttiva 2004/109/KE, b'dati differenti skont id-daqs tal-emittent ikkonċernat. Meta jitqies li l-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti individwali ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà jenħtieġ li jitnaqqas biex jinkludi biss impriżi ***kbar*** b'medja ta' aktar minn ***1000*** impjegat matul is-sena finanzjarja, u li l-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti konsolidati ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà jenħtieġ li jitnaqqas kif xieraq, jenħtieġ li l-kriterji għad-determinazzjoni tad-dati ta' applikazzjoni jiġu aġġustati, u jenħtieġ li r-referenza għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju	(19) L-Artikolu 5(2), it-tielet subparagrafu, tad-Direttiva (UE) 2022/2464 jispeċifika d-dati minn meta l-Istati Membri għandhom japplikaw ir-rekwiżiti ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà stabbiliti fid-Direttiva 2004/109/KE, b'dati differenti skont id-daqs tal-emittent ikkonċernat. Meta jitqies li l-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti individwali ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà jenħtieġ li jitnaqqas biex jinkludi biss impriżi b'medja ta' aktar minn ***1 750*** impjegat ***u fatturat nett ta' aktar minn EUR 450 000 000*** matul is-sena finanzjarja, u li l-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti konsolidati ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà jenħtieġ li jitnaqqas kif xieraq, jenħtieġ li l-kriterji għad-determinazzjoni tad-dati ta' applikazzjoni jiġu aġġustati, u jenħtieġ li r-referenza għall-

titneħħa.

impriżi żgħar u ta’ daqs medju titneħħa.

Emenda 20

Proposta għal direttiva
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva (UE) 2024/1760 jipprojbixxi lill-Istati Membri milli jintroduċu, fil-liġi nazzjonali tagħhom, dispożizzjonijiet fil-qasam kopert mid-Direttiva li jistabbilixxu obbligi ta’ diliġenza dovuta tad-drittijiet tal-bniedem u obbligi ta’ diliġenza dovuta ambjentali li jiddevjaw minn dawk stabbiliti fl-Artikolu 8(1) u (2), fl-Artikolu 10(1) ta’ dik id-Direttiva. Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri ma jmorrux lil hinn minn dik id-Direttiva u sabiex jiġi evitat il-ħolqien ta’ xenarju regolatorju frammentat li jirriżulta f’inċertezza legali u piż bla bżonn, id-dispożizzjonijiet ta’ armonizzazzjoni sħiħa tad-Direttiva (UE) 2024/1760 jenħtieġ li jiġu estiżi għal dispożizzjonijiet addizzjonali li jirregolaw l-aspetti ewlenin tal-proċess ta’ diliġenza dovuta. Dan jinkludi, b’mod partikolari, id-dmir ta’ identifikazzjoni, id-dmirijiet biex jiġu indirizzati l-impatti negattivi li ġew identifikati jew li kellhom jiġu identifikati, id-dmirijiet ta’ ħidma mal-partijiet ikkonċernati f’ċerti każijiet, u d-dmir li jiġi previst mekkaniżmu tal-ilmenti u tan-notifika. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jintroduċu dispożizzjonijiet ***aktar stretti*** jew ***aktar*** speċifiċi ***dwar aspetti oħra***, ***inkluż biex***	(20) L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva (UE) 2024/1760 jipprojbixxi lill-Istati Membri milli jintroduċu, fil-liġi nazzjonali tagħhom, dispożizzjonijiet fil-qasam kopert mid-Direttiva li jistabbilixxu obbligi ta’ diliġenza dovuta tad-drittijiet tal-bniedem u obbligi ta’ diliġenza dovuta ambjentali li jiddevjaw minn dawk stabbiliti fl-Artikolu 8(1) u (2), ***u*** fl-Artikolu 10(1) ta’ dik id-Direttiva. Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri ma jmorrux lil hinn minn dik id-Direttiva u sabiex jiġi evitat il-ħolqien ta’ xenarju regolatorju frammentat li jirriżulta f’inċertezza legali u piż bla bżonn, id-dispożizzjonijiet ta’ armonizzazzjoni sħiħa tad-Direttiva (UE) 2024/1760 jenħtieġ li jiġu estiżi għal dispożizzjonijiet addizzjonali li jirregolaw l-aspetti ewlenin tal-proċess ta’ diliġenza dovuta. Dan jinkludi, b’mod partikolari, ***id-dispożizzjonijiet dwar id-diliġenza dovuta fil-livell tal-grupp,*** id-dmir ta’ identifikazzjoni, id-dmirijiet biex jiġu indirizzati l-impatti negattivi li ġew identifikati jew li kellhom jiġu identifikati***, il-prijoritizzazzjoni***, id-dmirijiet ta’ ħidma mal-partijiet ikkonċernati f’ċerti każijiet, u d-dmir li jiġi previst mekkaniżmu tal-ilmenti u tan-notifika. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-Istati Membri ***jkomplu***

jindirizzaw riskji emerġenti marbuta ma' prodotti jew servizzi ***ġodda***.

jitħallew jintroduċu ***jew iżommu*** dispożizzjonijiet ***tal-liġi nazzjonali li jirregolaw impatti negattivi speċifiċi*** jew ***setturi*** speċifiċi ***ta' attività***, prodotti jew servizzi ***speċifiċi, sabiex jinkiseb livell differenti ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, tal-impjieg u soċjali, tal-ambjent jew tal-klima***.

Emenda 21

Proposta għal direttiva
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) L-Artikolu 5 tad-Direttiva (UE) 2024/1760 jobbliga lill-Istati Membri jiżguraw li l-kumpaniji l-kbar li jaqbżu ċertu daqs iwettqu diliġenza dovuta tad-drittijiet tal-bniedem u diliġenza dovuta ambjentali bbażati fuq ir-riskji. Sabiex jitnaqqsu l-piżijiet fuq il-kumpaniji li jkollhom jikkonformaw ma' dak l-obbligu, ***jenħtieġ li d-diliġenza dovuta meħtieġa, bħala regola ġenerali, tkun limitata għall-operazzjonijiet tal-kumpanija stess, dawk tas-sussidjarji tagħha u dawk tas-sħab kummerċjali diretti tagħha ("livell 1"). Konsegwentement, fir-rigward tar-relazzjonijiet kummerċjali, jenħtieġ li l-kumpaniji, wara li jkunu mmappjaw il-ktajjen ta' attivitajiet tagħhom, ikunu meħtieġa jwettqu valutazzjonijiet fil-fond fir-rigward tas-sħab kummerċjali diretti biss. Madankollu, jenħtieġ li l-kumpaniji jħarsu lil hinn mir-relazzjonijiet kummerċjali diretti tagħhom***	(21) L-Artikolu 5 tad-Direttiva (UE) 2024/1760 jobbliga lill-Istati Membri jiżguraw li l-kumpaniji l-kbar li jaqbżu ċertu daqs iwettqu diliġenza dovuta tad-drittijiet tal-bniedem u diliġenza dovuta ambjentali bbażati fuq ir-riskji. Sabiex ***tiġi żgurata l-effettività,*** jitnaqqsu l-piżijiet fuq il-kumpaniji li jkollhom jikkonformaw ma' dak l-obbligu, ***u jiġi żgurat li r-riżorsi tagħhom jintużaw għall-iskop intiż***, ***id-diliġenza dovuta meħtieġa*** u ***l-miżuri*** li ***jittieħdu jenħtieġ*** li ***jqisu l-fatturi*** ta' ***riskju rilevanti***, ***inklużi l-fatturi fil-livell tal-kumpanija***, ***bħal jekk*** is-sieħeb kummerċjali mhuwiex kumpanija koperta minn din id-direttiva***, il-fatturi ta' riskju tal-operazzjonijiet kummerċjali***, ***il-fatturi*** ta' ***riskju ġeografiċi u kuntestwali***, ***bħal-livell*** ta' ***infurzar tal-liġi fir-rigward tat-tipi*** ta' ***impatti negattivi;*** il-***fatturi*** ta' ***riskju tal-prodotti u tas-servizzi***, ***u l-fatturi ta' riskju settorjali***. Jenħtieġ li l-kumpaniji jwettqu ***l-***

meta jkollhom informazzjoni plawżibbli li tissuġġerixxi impatt negattiv fil-livell ta' sieħeb kummerċjali indirett. Informazzjoni plawżibbli tfisser informazzjoni ta' karattru oġġettiv li tippermetti lill-kumpanija tikkonkludi li hemm probabbiltà raġonevoli li l-informazzjoni hija vera. Dan jista' jkun il-każ meta l-kumpanija kkonċernata tkun irċeviet ilment jew tkun fil-pussess ta' informazzjoni, pereżempju permezz ta' rapporti kredibbli tal-media jew tal-NGOs, rapporti ta' inċidenti reċenti, jew permezz ta' problemi rikorrenti f'ċerti postijiet dwar attivitajiet dannużi probabbli jew reali fil-livell ta' sieħeb kummerċjali indirett. Meta l-kumpanija jkollha tali informazzjoni, ***jenħtieġ li din twettaq valutazzjoni fil-fond***. Jenħtieġ li l-kumpaniji jwettqu ***wkoll valutazzjonijiet fil-fond fir-rigward tal-impatti negattivi li jirriżultaw lil hinn mis-sieħeb kummerċjali dirett tagħhom meta l-istruttura ta' din ir-relazzjoni kummerċjali ma jkollhiex raġunament ekonomiku u tkun tissuġġerixxi li din tkun intgħażlet sabiex jitneħħa fornitur li altrimenti jkun dirett b'attivitajiet dannużi mill-ambitu tal-kumpanija. Meta l-valutazzjoni fil-fond tikkonferma l-probabbiltà jew l-eżistenza tal-impatt negattiv, jenħtieġ li din imbagħad titqies bħala identifikata. Barra minn hekk***, jenħtieġ li l-kumpaniji ***jfittxu li jiżguraw li l-kodiċi ta' kondotta tagħhom – identifikazzjoni bikrija biex jidentifikaw l-oqsma ġenerali fejn l-impatti negattivi x'aktarx*** li ***jseħħu u*** li ***jkunu l-aktar severi***. ***Abbażi tar-riżultati tal-identifikazzjoni bikrija***, jenħtieġ li l-kumpaniji li***, abbażi*** ta' ***informazzjoni rilevanti u verifikabbli, ikollhom raġuni biex jemmnu*** li ***nħolqu jew jistgħu jinħolqu impatti negattivi, iwettqu valutazzjonijiet ulterjuri biss f'dawk l-oqsma fejn ġie identifikat li l-impatti negattivi huma l-aktar probabbli li jseħħu u li jkunu l-aktar severi***.

li huwa parti mill-politika ta' diliġenza dovuta tagħhom u li jistabbilixxi l-aspettattivi dwar kif għandhom jiġu protetti id-drittijiet tal-bniedem, inkluż tax-xogħol, u l-ambjent fl-operazzjonijiet kummerċjali – jiġi segwit tul il-katina kollha tal-attivitajiet f'konformità ma' kaskata kuntrattwali u appoġġ għall-SMEs.

Emenda 22

Proposta għal direttiva
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Sabiex jiġi limitat l-effett ta' infiltrazzjoni fuq l-impriżi żgħar u ta' daqs medju u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja fir-rigward ***tal-immappjar*** tal-katina ***tal-valur*** biex jiġu identifikati l-impatti negattivi, jenħtieġ li l-kumpaniji ***l-kbar jillimitaw it-talbiet għall-informazzjoni speċifikata fl-istandards għall-użu volontarju msemmija fl-Artikolu 29a tad-Direttiva 2013/34/UE, sakemm ma jkunux jeħtieġu*** informazzjoni ***addizzjonali biex iwettqu l-immappjar*** u ***ma jkunux jistgħu jiksbu dik l-informazzjoni b'xi mod raġonevoli ieħor***.	(22) Sabiex jiġi limitat l-effett ta' infiltrazzjoni fuq ***kumpaniji oħra, inklużi*** l-impriżi żgħar u ta' daqs medju u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja fir-rigward ***tal-identifikazzjoni bikrija*** tal-katina ***ta' attivitajiet*** biex jiġu identifikati l-impatti negattivi, jenħtieġ li l-kumpaniji ***fil-kamp ta' applikazzjoni ma jfittxux li jiksbu informazzjoni mis-sħab kummerċjali tagħhom iżda jiddependu biss fuq informazzjoni li diġà tkun raġonevolment disponibbli, bħal*** informazzjoni ***magħrufa pubblikament, informazzjoni minn tfittxijiet*** u ***informazzjoni miksuba permezz ta' kooperazzjoni preċedenti***. ***L-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-livell tal-entità mas-sħab kummerċjali mhumiex rilevanti f'dan l-istadju. Jenħtieġ li jkun possibbli biss li tali informazzjoni titfittex għal valutazzjonijiet ulterjuri f'ċerti kundizzjonijiet. F'tali każ,***

	jenħtieġ li jkun possibbli biss li tintalab informazzjoni minn sħab kummerċjali meta, wara approċċ ibbażat fuq ir-riskji, tali informazzjoni tkun meħtieġa fid-dawl ta' indikazzjonijiet ta' impatti negattivi probabbli minn sħab kummerċjali b'anqas minn 5 000 impjegat meta tali informazzjoni addizzjonali ma tkunx tista' tinkiseb b'mod raġonevoli b'mezzi oħra, prinċipalment minn sorsi eżistenti jew sekondarji. Fi kwalunkwe każ, kwalunkwe talba jenħtieġ li tkun immirata, raġonevoli u proporzjonata. Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità għall-kumpaniji u għas-sħab kummerċjali rilevanti, jenħtieġ li jkun possibbli li l-informazzjoni meħtieġa tinkiseb jew b'mod individwali jew b'mod kollaborattiv.

Emenda 23

Proposta għal direttiva
Premessa 22a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22a)Filwaqt li jirrispettaw l-objettiv li jipprijoritizzaw l-aktar impatti negattivi u probabbli, jenħtieġ li l-kumpaniji jingħataw flessibbiltà sinifikanti biex jiddeċiedu liema riskji jindirizzaw l-ewwel abbażi tas-severità u l-probabbiltà ta' impatt negattiv. Tali deċiżjoni jenħtieġ li tkun ibbażata fuq id-daqs, l-ambitu jew l-irrimedjabbiltà tal-impatt negattiv, filwaqt li titqies is-

	severità tal-impatt. Ladarba jiġu indirizzati l-impatti negattivi l-aktar severi u probabbli f'ħin raġonevoli, jenħtieġ li l-kumpaniji jindirizzaw l-impatti negattivi anqas severi u anqas probabbli. Madankollu, jenħtieġ li l-kumpaniji ma jiġux penalizzati għal xi ħsara li tirriżulta minn impatti negattivi anqas sinifikanti li kienu għadhom ma ġewx indirizzati skont il-prijoritizzazzjoni bi qbil ma' dawn il-prinċipji.

Emenda 24

Proposta għal direttiva
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Il-kumpaniji jistgħu jsibu ruħhom f'sitwazzjonijiet fejn il-produzzjoni tagħhom tkun tiddependi ħafna fuq inputs minn fornitur speċifiku wieħed jew aktar. Fl-istess ħin, meta l-operazzjonijiet kummerċjali ta' tali fornitur ikunu marbuta ma' impatti negattivi severi, inkluż it-tħaddim tat-tfal jew ħsara ambjentali sinifikanti, u l-kumpanija tkun eżawriet mingħajr suċċess il-miżuri kollha ta' diliġenza dovuta sabiex tindirizza dawk l-impatti, jenħtieġ li l-kumpanija, bħala l-aħħar ***istanza***, tissospendi r-relazzjoni kummerċjali filwaqt li tkompli taħdem mal-fornitur lejn soluzzjoni, fejn possibbli bl-użu ta' kwalunkwe ingranaġġ miżjud li jirriżulta mis-sospensjoni.	(23) Il-kumpaniji jistgħu jsibu ruħhom f'sitwazzjonijiet fejn il-produzzjoni tagħhom tkun tiddependi ħafna fuq inputs minn fornitur speċifiku wieħed jew aktar. Fl-istess ħin, meta l-operazzjonijiet kummerċjali ta' tali fornitur ikunu marbuta ma' impatti negattivi severi, inkluż it-tħaddim tat-tfal jew ħsara ambjentali sinifikanti, u l-kumpanija tkun eżawriet mingħajr suċċess il-miżuri kollha ta' diliġenza dovuta sabiex tindirizza dawk l-impatti, jenħtieġ li l-kumpanija, bħala l-aħħar ***rimedju***, tissospendi ***b'mod temporanju*** r-relazzjoni kummerċjali filwaqt li tkompli taħdem mal-fornitur lejn soluzzjoni, fejn possibbli bl-użu ta' kwalunkwe ingranaġġ miżjud li jirriżulta mis-sospensjoni. ***Jenħtieġ li l-kumpanija***

tivvaluta, f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, jekk tali sospensjoni twassalx għal preġudizzju sostanzjali għall-kumpanija, inkluż meta s-sħab kummerċjali kruċjali jipprovdu materja prima, prodotti jew servizzi li huma essenzjali għan-negozju tal-kumpanija li għalihom ma teżisti l-ebda alternattiva disponibbli. Jenħtieġ li preġudizzju sostanzjali jiġi interpretat bħala effett negattiv u sinifikanti fuq is-sitwazzjoni legali, finanzjarja jew ekonomika tal-kumpanija jew fuq il-kapaċità tal-produzzjoni tagħha, inkluż fuq perjodu ta' żmien twil, bħal effett li jwassal għall-probabbiltà ta' insolvenza. Sabiex ma jiddgħajfux l-għanijiet ta' din id-direttiva, id-deċiżjoni li ma tiġix sospiża r-relazzjoni kummerċjali jenħtieġ li tkun soġġetta għal kundizzjonijiet, inkluż ir-rapportar lill-awtorità superviżorja kompetenti dwar ir-raġunijiet debitament ġustifikati għal tali deċiżjoni. Jenħtieġ li l-kumpaniji jivvalutaw ukoll jekk l-impatti negattivi tas-sospensjoni jistgħux ikunu raġonevolment mistennija li jkunu manifestament aktar severi mill-impatt negattiv li ma setax jiġi prevenut jew mitigat b'mod adegwat. Jekk dak ikun il-każ, jenħtieġ li l-kumpanija ma tkunx meħtieġa tissospendi r-relazzjoni kummerċjali u jenħtieġ li tkun f'pożizzjoni li tirrapporta lura lill-awtorità superviżorja kompetenti dwar ir-raġunijiet debitament ġustifikati għal

tali deċiżjoni.

Emenda 26

Proposta għal direttiva
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi fuq il-kumpaniji, l-iskadenza tal-Kummissjoni għall-adozzjoni ta' linji gwida ġenerali dwar id-diliġenza dovuta jenħtieġ li titmexxa 'l quddiem għas-26 ta' Lulju 2026. B'mod parallel, l-iskadenza tal-applikazzjoni għad-Direttiva (UE) 2024/1760 għall-ewwel grupp ta' kumpaniji jenħtieġ li tiġi differita għas-26 ta' Lulju 2028 f'konformità mad-Direttiva (UE) XXX/XXX[13]. Jenħtieġ li dak l-intervall ta' sentejn jipprovdi lill-kumpaniji bi żmien biżżejjed biex iqisu l-gwida prattika u l-aħjar prattiki inklużi fil-linji gwida tal-Kummissjoni meta jimplimentaw il-miżuri ta' diliġenza dovuta.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

[13] Id-Direttiva (UE) 2025/XX ta' …….

Emendi 228 u 287

Proposta għal direttiva
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) ***Sabiex jiġi żgurat allinjament aħjar*** tad-Direttiva (UE) 2024/1760 ***mar-reġim tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà stabbilit fid-Direttiva (UE) 2022/2464, ir-rekwiżit li jiġi***	(26) ***Id-dispożizzjonijiet*** tad-Direttiva (UE) 2024/1760 ***dwar*** il-pjan ta' tranżizzjoni ***għat-tibdil*** fil-klima ***tqiesu sproporzjonati, b'mod partikolari minħabba l-piż amministrattiv fuq il-***

implimentat il-pjan ta’ tranżizzjoni ***għall-mitigazzjoni tat-tibdil*** fil-klima ***jenħtieġ li jiġi sostitwit bi kjarifika li l-obbligu tal-kumpaniji li jadottaw pjan ta’ tranżizzjoni jinkludi d-deskrizzjoni tal-azzjonijiet ta’ implimentazzjoni, ippjanati u meħuda. L-obbligu li jiġi adottat il-pjan u d-disinn inizjali u aġġornat tiegħu jibqa’ soġġett għal superviżjoni amministrattiva***.	***kumpaniji u l-awtoritajiet kompetenti, u jistgħu jwasslu għal inċertezza legali***. ***Jeħtieġ li dawk id-dispożizzjonijiet jitħassru sabiex jiġu ssimplifikati l-obbligi u tiġi appoġġjata implimentazzjoni aktar immirata u effiċjenti ta’ dik id-Direttiva.***

Emenda 28

Proposta għal direttiva
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) L-Artikolu 27(1) tad-Direttiva (UE) 2024/1760 jirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu penali li għandhom ikunu “effettivi, proporzjonati u dissważivi”. L-Artikolu 27(2) ta’ dik id-Direttiva jirrikjedi li l-Istati Membri, meta jiddeċiedu jekk jimponux penali u, jekk iva, meta jiddeterminaw in-natura u l-livell xieraq tagħhom, jieħdu kont debitu ta’ serje ta’ fatturi li jiddeterminaw il-gravità tal-ksur u ċ-ċirkostanzi attenwanti jew aggravanti. L-Artikolu 27(4) ta’ dik id-Direttiva jirrikjedi li l-Istati Membri jibbażaw kwalunkwe penali pekunarja imposta fuq il-fatturat nett dinji tal-kumpanija kkonċernata. ***Madankollu, minħabba l-fatt li*** l-Istati Membri ***diġà għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni s-sensiela ta’ fatturi stabbiliti fl-Artikolu 27(2) ta’ dik id-Direttiva, il-ħtieġa li s-sanzjonijiet***	(27) L-Artikolu 27(1) tad-Direttiva (UE) 2024/1760 jirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu penali li għandhom ikunu “effettivi, proporzjonati u dissważivi”. L-Artikolu 27(2) ta’ dik id-Direttiva jirrikjedi li l-Istati Membri, meta jiddeċiedu jekk jimponux penali u, jekk iva, meta jiddeterminaw in-natura u l-livell xieraq tagħhom, jieħdu kont debitu ta’ serje ta’ fatturi li jiddeterminaw il-gravità tal-ksur u ċ-ċirkostanzi attenwanti jew aggravanti. L-Artikolu 27(4) ta’ dik id-Direttiva jirrikjedi li l-Istati Membri jibbażaw kwalunkwe penali pekunarja imposta fuq il-fatturat nett dinji tal-kumpanija kkonċernata. ***Sabiex jiġu żgurati penali proporzjonati, jenħtieġ li*** l-Istati Membri ***jiggarantixxu li l-limitu massimu għall-penali*** pekunarji ***jiġi stabbilit għal 5 % tal-fatturat*** nett dinji tal-kumpanija

pekunjarji ***jiġu bbażati fuq il-fatturat*** nett dinji tal-kumpannija ***kkonċernata hija superfluwa. Madankollu, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu pprojbiti milli jintroduċu fil-liġi nazzjonali tagħhom saqaf jew limitu għal kwalunkwe penali pekunarja imposta fuq kumpaniji*** taħt ***il-ġuriżdizzjoni tagħhom li tipprevjeni lill-awtoritajiet superviżorji milli jimponu penali f'konformità mal-fatturi stabbiliti fl-Artikolu 27(2)***. Barra minn hekk, biex jiġu armonizzati l-prattiki ta' infurzar madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, tiżviluppa linji gwida biex tassisti lill-awtoritajiet superviżorji fid-determinazzjoni tal-livell ta' penali.

jew, għal kumpaniji li jaqgħu taħt ***l-Artikolu 2(2)(b), tal-fatturat dinji konsolidat tal-impriża prinċipali apikali, fissena finanzjarja ta' qabel dik tad-deċiżjoni li tiġi imposta l-multa***. Barra minn hekk, biex jiġu armonizzati l-prattiki ta' infurzar madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, tiżviluppa linji gwida biex tassisti lill-awtoritajiet superviżorji fid-determinazzjoni tal-livell ***xieraq*** ta' penali.

Emenda 29

Proposta għal direttiva
Premessa 29a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(29a)Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità tal-kumpaniji mal-obbligi ta' rapportar u ta' diliġenza dovuta skont id-dritt tal-Unjoni, u biex jittejbu l-aċċessibbiltà u l-faċilità ta' użu tal-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi portal diġitali ddedikat għar-rapportar . Dak il-portal jenħtieġ li jservi bħala punt uniku ta' servizz, li jipprovdi lill-kumpaniji, mingħajr ħlas, aċċess imfassal apposta għall-

mudelli, il-linja gwida, ir-rekwiżiti ta' rapportar, inklużi l-għodda volontarji, u informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament u offerti. Biex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tal-portal, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippromwovi l-interoperabbiltà tal-pjattaformi tad-data eżistenti, li jippermettu t-trażmissjoni, l-iskambju u l-analiżi bla xkiel tad-data, kif ukoll il-komplementarjetà mal-punt ta' Aċċess Uniku Ewropew. Barra minn hekk, u fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi rapidi, jenħtieġ li l-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-potenzjal tas-soluzzjonijiet teknoloġiċi, inkluż l-użu ta' intelliġenza artifiċjali affidabbli f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] biex tappoġġa d-diġitalizzazzjoni tar-rapportar u ttejjeb il-kwalità u l-aċċessibbiltà tad-data relatata mas-sostenibbiltà.

---

[1] Ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) (ĠU L, 2024/1689, 12.7.2024).

Emenda 30

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2006/43/KE
Artikolu 26a – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha ***tingħata s-setgħa li*** tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 48a sabiex tissupplimenta din id-Direttiva, sabiex tipprovdi għall-istandards ta' aċċertament limitat li jistabbilixxu l-proċeduri li l-awditur(i) u d-ditta/i tal-awditjar għandhom iwettqu sabiex jaslu għall-konklużjonijiet tagħhom fuq l-aċċertament tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà, inklużi l-ippjanar tal-impenji, il-kunsiderazzjoni tar-riskji u r-rispons għar-riskji u t-tip ta' konklużjonijiet li għandhom jiġu inklużi fir-rapport ta' aċċertament tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà, jew, fejn rilevanti, fir-rapport tal-awditjar.	Il-Kummissjoni għandha***, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ottubru 2026,*** tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 48a sabiex tissupplimenta din id-Direttiva, sabiex tipprovdi għall-istandards ta' aċċertament limitat li jistabbilixxu l-proċeduri li l-awditur(i) u d-ditta/i tal-awditjar għandhom iwettqu sabiex jaslu għall-konklużjonijiet tagħhom fuq l-aċċertament tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà, inklużi l-ippjanar tal-impenji, il-kunsiderazzjoni tar-riskji u r-rispons għar-riskji u t-tip ta' konklużjonijiet li għandhom jiġu inklużi fir-rapport ta' aċċertament tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà, jew, fejn rilevanti, fir-rapport tal-awditjar.

Emenda 31

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2006/43/KE
Artikolu 26a – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta l-istandards ta' aċċertament imsemmija fl-ewwel subparagrafu ***biss meta dawk*** l-istandards:	Il-Kummissjoni ***għandha*** tadotta l-istandards ta' aċċertament imsemmija fl-ewwel subparagrafu ***wara li tkun kisbet opinjoni mill-EFRAG filwaqt li tiżgura li*** l-istandards:

Emendi 230 u 289

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 1 – paragrafu 3– subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"Il-miżuri ta' koordinazzjoni stabbiliti mill-Artikoli 19a, 19b, l-Artikoli 29a, 29aa, 29d, l-Artikoli 30 u 33, l-Artikolu 34(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (aa), l-Artikolu 34(2) u (3) u l-Artikolu 51 ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw ukoll għal-liġijiet, għar-regolamenti u għad-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri relatati mal-impriżi li ġejjin irrispettivament mill-forma legali tagħhom, dment li dawk l-impriżi ***jkunu impriżi kbar, li*** fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, ***jaqbżu*** l-għadd medju ta' ***1000*** impjegat matul is-sena finanzjarja:";	"Il-miżuri ta' koordinazzjoni stabbiliti mill-Artikoli 19a, 19b, l-Artikoli 29a, 29aa, 29d, 30 u 33, l-Artikolu 34(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (aa), l-Artikolu 34(2) u (3) u l-Artikolu 51 ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw ukoll għal-liġijiet, għar-regolamenti u għad-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri relatati mal-impriżi li ġejjin irrispettivament mill-forma legali tagħhom, dment li dawk l-impriżi ***jaqbżu,*** fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, l-għadd medju ta' ***1 750*** impjegat ***u fatturat nett ta' EUR 450 000 000*** matul is-sena finanzjarja:";

Emendi 231 u 290

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 19 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) fl-Artikolu 19(1), ir-raba' subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
	"L-impriżi li, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu l-għadd medju ta' 1 750 impjegat u fatturat nett ta' EUR 450 000 000 matul is-sena finanzjarja, għandhom jirrapportaw informazzjoni

	dwar ir-riżorsi intanġibbli ewlenin u jispjegaw kif il-mudell tan-negozju tal-impriża jiddependi fundamentalment fuq tali riżorsi u kif tali riżorsi huma sors ta' ħolqien tal-valur għall-impriża." ;

Emendi 232 u 291

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 19a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Impriżi ***kbar*** li, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu l-għadd medju ta' ***1000*** impjegat matul is-sena finanzjarja għandhom jinkludu fir-rapport ta' ġestjoni tagħhom l-informazzjoni neċessarja sabiex jiġu mifhumin l-impatti tal-impriża fuq kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà, u l-informazzjoni neċessarja sabiex jiġi mifhum kif kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà jaffettwaw l-iżvilupp, il-prestazzjoni u l-pożizzjoni tal-impriża."***;***	Impriżi li, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu l-għadd medju ta' ***1 750*** impjegat ***u fatturat nett ta' EUR 450 000 000*** matul is-sena finanzjarja għandhom jinkludu fir-rapport ta' ġestjoni tagħhom l-informazzjoni neċessarja sabiex jiġu mifhumin l-impatti tal-impriża fuq kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà, u l-informazzjoni neċessarja sabiex jiġi mifhum kif kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà jaffettwaw l-iżvilupp, il-prestazzjoni u l-pożizzjoni tal-impriża.

Emenda 35

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt aa (ġdid)
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 19a – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) fil-paragrafu 1, jiżdied is-subparagrafu li ġej:
	"Impriżi li jkunu impriżi holding finanzjarji kif definiti

	fl-Artikolu 2(15), għandhom ikunu eżentati milli jwettqu l-obbligi fl-ambitu ta' din id-Direttiva.";

Emendi 233 u 292

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b – punt i
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 19a – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"Fejn applikabbli, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tinkludi informazzjoni dwar l-operazzjonijiet proprji tal-impriża u dwar il-katina tal-valur tagħha, inklużi l-prodotti u s-servizzi tagħha, ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħha u l-katina tal-provvista tagħha. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, għar-rapportar tal-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà kif meħtieġ minn din id-Direttiva, l-impriżi ma għandhomx ifittxu li jiksbu mingħand impriżi fil-katina tal-valur tagħhom li, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, ma jaqbżux l-għadd medju ta' ***1 000*** impjegat matul is-sena finanzjarja, kwalunkwe informazzjoni li teċċedi l-informazzjoni speċifikata fl-istandards għall-użu volontarju msemmija fl-Artikolu 29ca, ħlief għal informazzjoni addizzjonali dwar is-sostenibbiltà li hija kondiviża b'mod komuni bejn l-impriżi fis-settur ikkonċernat. L-impriżi li jirrapportaw dwar l-informazzjoni meħtieġa rigward il-katina tal-valur mingħajr rapportar mingħand l-impriżi fil-katina tal-valur tagħhom li, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, ma jaqbżux l-għadd medju ta' ***1000*** impjega matul is-sena	"Fejn applikabbli, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tinkludi informazzjoni dwar l-operazzjonijiet proprji tal-impriża u dwar il-katina tal-valur tagħha, inklużi l-prodotti u s-servizzi tagħha, ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħha u l-katina tal-provvista tagħha. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, għar-rapportar tal-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà kif meħtieġ minn din id-Direttiva, l-impriżi ma għandhomx ifittxu li jiksbu mingħand impriżi fil-katina tal-valur tagħhom li, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, ma jaqbżux l-għadd medju ta' ***1 750*** impjegat ***u fatturat nett ta' EUR 450 000 000*** matul is-sena finanzjarja, kwalunkwe informazzjoni li teċċedi l-informazzjoni speċifikata fl-istandards għall-użu volontarju msemmija fl-Artikolu 29ca, ħlief għal informazzjoni addizzjonali dwar is-sostenibbiltà li hija kondiviża b'mod komuni bejn l-impriżi fis-settur ikkonċernat. L-impriżi li jirrapportaw dwar l-informazzjoni meħtieġa rigward il-katina tal-valur mingħajr rapportar mingħand l-impriżi fil-katina tal-valur tagħhom li, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom,

finanzjarja, kwalunkwe informazzjoni li teċċedi l-informazzjoni speċifikata fl-istandards għall-użu volontarju msemmija fl-Artikolu 29ca, ħlief għal informazzjoni addizzjonali dwar is-sostenibbiltà li hija kondiviża b'mod komuni bejn l-impriżi fis-settur ikkonċernat, għandhom jitqiesu li kkonformaw mal-obbligu li jirrapportaw l-informazzjoni dwar il-katina tal-valur stabbilit f'dan il-paragrafu.**"**;	ma jaqbżux l-għadd medju ta' ***1 750*** impjegat ***u fatturat nett ta' EUR 450 000 000*** matul is-sena finanzjarja, kwalunkwe informazzjoni li teċċedi l-informazzjoni speċifikata fl-istandards għall-użu volontarju msemmija fl-Artikolu 29ca, ħlief għal informazzjoni addizzjonali dwar is-sostenibbiltà li hija kondiviża b'mod komuni bejn l-impriżi fis-settur ikkonċernat, għandhom jitqiesu li kkonformaw mal-obbligu li jirrapportaw l-informazzjoni dwar il-katina tal-valur stabbilit f'dan il-paragrafu.**"**;

Emendi 37 u 256

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b – punt ia (ġdid)
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 19a – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(ia) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
Għall-ewwel tliet snin tal-applikazzjoni tal-miżuri li jridu jiġu adottati mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva (UE) 2022/2464 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**(13)*****, u*** fil-każ li ma tkunx disponibbli l-informazzjoni kollha meħtieġa rigward il-katina tal-valur tagħha, l-impriża għandha tispjega l-isforzi li tkun għamlet biex tikseb l-informazzjoni meħtieġa dwar il-katina tal-valur tagħha, ir-raġunijiet għala ma tkunx setgħet tinkiseb l-informazzjoni kollha meħtieġa, u l-pjanijiet tagħha biex tikseb l-informazzjoni meħtieġa	**"**Fil-każ li ma tkunx disponibbli l-informazzjoni kollha meħtieġa rigward il-katina tal-valur tagħha, l-impriża għandha tispjega l-isforzi li tkun għamlet biex tikseb l-informazzjoni meħtieġa dwar il-katina tal-valur tagħha, ir-raġunijiet għala ma tkunx setgħet tinkiseb l-informazzjoni kollha meħtieġa, u l-pjanijiet tagħha biex tikseb l-informazzjoni meħtieġa fil-futur.***";***

fil-futur.

(13) Id-Direttiva (UE) 2022/2464 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li temenda r-Regolament (UE) Nru 537/2014, id-Direttiva 2004/109/KE, id-Direttiva 2006/43/KE u d-Direttiva 2013/34/UE, fir-rigward tar-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà (ĠU L 322, 16.12.2022, p. 15, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2464/oj).

Emenda 38

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b – punt ii
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 19a – paragrafu 3 – subparagrafu 4a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"L-ewwel subparagrafu huwa mingħajr preġudizzju ***għar-rekwiżiti*** tal-Unjoni dwar l-impriżi biex iwettqu proċess ta' diliġenza dovuta.";	"L-ewwel subparagrafu huwa mingħajr preġudizzju ***għat-talbiet għall-informazzjoni li jsiru għal finijiet għajr għar-rapportar ta' informazzjoni dwar is-sostenibbiltà kif meħtieġ minn din id-Direttiva, inklużi r-rekwiżiti*** tal-Unjoni dwar l-impriżi biex iwettqu proċess ta' diliġenza dovuta.";

Emenda 39

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt ba (ġdid)
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 19a – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	“4a. L-obbligi ta’ rapportar stabbiliti f’dan l-Artikolu huma mingħajr preġudizzju għad-Direttiva (UE) 2016/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Għalhekk, l-impriżi ma għandhomx ikunu meħtieġa jiddivulgaw informazzjoni dwar il-kapital intellettwali, il-proprjetà intellettwali jew l-għarfien espert, informazzjoni kummerċjali jew informazzjoni teknoloġika li tikkostitwixxi sigrieti kummerċjali kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1), tad-Direttiva (UE) 2016/943.”;

Emenda 40

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt ca (ġdid)
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 19a – paragrafu 10

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(ca) il-paragrafu 10 huwa sostitwit b’dan li ġej:
“10. L-eżenzjoni stabbilita fil-paragrafu 9 għandha tapplika wkoll għall-entitajiet ta’ interess pubbliku soġġetti għar-rekwiżiti ta’ dan l-Artikolu***, bl-eċċezzjoni ta’ impriżi kbar li huma entitajiet ta’ interess pubbliku definiti fil-punt (a) tal-punt (1) tal-Artikolu 2 ta’ din id-Direttiva***.’;	“10. L-eżenzjoni stabbilita fil-paragrafu 9 għandha tapplika wkoll għall-entitajiet ta’ interess pubbliku soġġetti għar-rekwiżiti ta’ dan l-Artikolu.”;

Emendi 134 u 41

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 19b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) jiddaħħal l-Artikolu 19b li ġej:	***imħassar***
[…]	

Emendi 234 u 293

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 29a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"L-impriżi omm ta' grupp ***kbir*** li, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tiegħu, jaqbeż l-għadd medju ta' ***1000*** impjegat, fuq bażi konsolidata, matul is-sena finanzjarja, għandhom jinkludu fir-rapport ta' ġestjoni kkonsolidat l-informazzjoni meħtieġa sabiex jiġu mifhumin l-impatti tal-grupp fuq kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà, u l-informazzjoni neċessarja sabiex jiġi mifhum kif kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà jaffettwaw l-iżvilupp, il-prestazzjoni u l-pożizzjoni tal-grupp.";	***"***L-impriżi omm ta' grupp li, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tiegħu, jaqbeż l-għadd medju ta' ***1750*** impjegat ***u fatturat nett ta' EUR 450 000 000***, fuq bażi konsolidata, matul is-sena finanzjarja, għandhom jinkludu fir-rapport ta' ġestjoni kkonsolidat l-informazzjoni meħtieġa sabiex jiġu mifhumin l-impatti tal-grupp fuq kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà, u l-informazzjoni neċessarja sabiex jiġi mifhum kif kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà jaffettwaw l-iżvilupp, il-prestazzjoni u l-pożizzjoni tal-grupp.";

Emenda 43

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4 – punt aa (ġdid)
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 29a – paragrafu 1 – subparagrafi 1a u 1b (ġodda)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) fil-paragrafu 1, jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:
	“Impriżi prinċipali li jkunu impriżi holding finanzjarji kif definiti fl-Artikolu 2(15), għandhom ikunu eżentati milli jwettqu l-obbligi fl-ambitu ta’ dan l-Artikolu.
	Fil-każ ta’ akkwiżizzjonijiet reċenti ta’ sussidjarji li mhumiex soġġetti għar-rapportar ta’ informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-impriża prinċipali tibbenefika minn perjodu ta’ tranżizzjoni ta’ 24 xahar qabel ma tkun meħtieġa tintegra informazzjoni dwar is-sussidjarja l-ġdida tagħha, fir-rapport konsolidat tagħha dwar is-sostenibbiltà.”;

Emendi 235 u 294

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4 – punt b – punt i
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 29a – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
“Fejn applikabbli, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tinkludi informazzjoni dwar l-operazzjonijiet proprji tal-impriża u dwar il-katina tal-valur tagħha, inklużi l-prodotti u s-servizzi tagħha, ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħha u l-katina tal-provvista tagħha. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, għar-rapportar tal-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà kif meħtieġ minn din id-Direttiva, l-impriżi ma għandhomx ifittxu li jiksbu	**“**Fejn applikabbli, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandu jkun fiha informazzjoni dwar l-operazzjonijiet tal-grupp u l-katina tal-valur tiegħu, inklużi l-prodotti u s-servizzi tiegħu, ir-relazzjonijiet kummerċjali tiegħu u l-katina tal-provvista tiegħu. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, għar-rapportar tal-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà kif meħtieġ minn din id-Direttiva, l-impriżi ma għandhomx ifittxu li jiksbu

mingħand impriżi fil-katina tal-valur tagħhom li, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, ma jaqbżux l-għadd medju ta' ***1 000*** impjegat matul is-sena finanzjarja, kwalunkwe informazzjoni li teċċedi l-informazzjoni speċifikata fl-istandards għall-użu volontarju msemmija fl-Artikolu 29ca, ħlief għal informazzjoni addizzjonali dwar is-sostenibbiltà li hija kondiviża b'mod komuni bejn l-impriżi fis-settur ikkonċernat. L-impriżi li jirrapportaw dwar l-informazzjoni meħtieġa rigward il-katina tal-valur mingħajr rapportar mingħand l-impriżi fil-katina tal-valur tagħhom li, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, ma jaqbżux l-għadd medju ta' ***1000*** impjega matul is-sena finanzjarja, kwalunkwe informazzjoni li teċċedi l-informazzjoni speċifikata fl-istandards għall-użu volontarju msemmija fl-Artikolu 29ca, ħlief għal informazzjoni addizzjonali dwar is-sostenibbiltà li hija kondiviża b'mod komuni bejn l-impriżi fis-settur ikkonċernat, għandhom jitqiesu li kkonformaw mal-obbligu li jirrapportaw l-informazzjoni dwar il-katina tal-valur stabbilit f'dan il-paragrafu.";	mingħand impriżi fil-katina tal-valur tagħhom li, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, ma jaqbżux l-għadd medju ta' ***1 750*** impjegat ***u fatturat nett ta' EUR 450 000 000*** matul is-sena finanzjarja, kwalunkwe informazzjoni li teċċedi l-informazzjoni speċifikata fl-istandards għall-użu volontarju msemmija fl-Artikolu 29ca, ħlief għal informazzjoni addizzjonali dwar is-sostenibbiltà li hija kondiviża b'mod komuni bejn l-impriżi fis-settur ikkonċernat. L-impriżi li jirrapportaw dwar l-informazzjoni meħtieġa rigward il-katina tal-valur mingħajr rapportar mingħand l-impriżi fil-katina tal-valur tagħhom li, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, ma jaqbżux l-għadd medju ta' ***1 750*** impjegat ***u fatturat nett ta' EUR 450 000 000*** matul is-sena finanzjarja, kwalunkwe informazzjoni li teċċedi l-informazzjoni speċifikata fl-istandards għall-użu volontarju msemmija fl-Artikolu 29ca, ħlief għal informazzjoni addizzjonali dwar is-sostenibbiltà li hija kondiviża b'mod komuni bejn l-impriżi fis-settur ikkonċernat, għandhom jitqiesu li kkonformaw mal-obbligu li jirrapportaw l-informazzjoni dwar il-katina tal-valur stabbilit f'dan il-paragrafu.";

Emenda 45

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4 – punt b – punt ia (ġdid)
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 29a – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(ia) it-tieni subparagrafu

	huwa sostitwit b'dan li ġej:
"***Għall-ewwel tliet snin tal-applikazzjoni tal-miżuri li għandhom jiġu adottati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva (UE) 2022/2464, u*** f'każ li ma tkunx disponibbli l-informazzjoni kollha meħtieġa rigward il-katina tal-valur tagħha, l-impriża ***prinċipali*** għandha tispjega l-isforzi li jkunu saru biex tinkiseb l-informazzjoni meħtieġa dwar il-katina tal-valur tagħha, ir-raġunijiet għaliex ma tkunx setgħet tinkiseb l-informazzjoni kollha meħtieġa, u l-pjanijiet li jkollha biex tikseb l-informazzjoni kollha meħtieġa fil-futur.";	"F'każ li ma tkunx disponibbli l-informazzjoni kollha meħtieġa rigward il-katina tal-valur tagħha, l-impriża għandha tispjega l-isforzi li jkunu saru biex tinkiseb l-informazzjoni meħtieġa dwar il-katina tal-valur tagħha, ir-raġunijiet għaliex ma tkunx setgħet tinkiseb l-informazzjoni kollha meħtieġa, u l-pjanijiet li jkollha biex tikseb l-informazzjoni kollha meħtieġa fil-futur.";

Emenda 46

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4 – punt b – punt ii
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 29a – paragrafu 3 – subparagrafu 4a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"L-ewwel subparagrafu huwa mingħajr preġudizzju ***għar-rekwiżiti*** tal-Unjoni dwar l-impriżi biex iwettqu proċess ta' diliġenza dovuta.";	"L-ewwel subparagrafu huwa mingħajr preġudizzju ***għat-talbiet għall-informazzjoni li jsiru għal finijiet għajr għar-rapportar ta' informazzjoni dwar is-sostenibbiltà kif meħtieġ minn din id-Direttiva, inklużi r-rekwiżiti*** tal-Unjoni dwar l-impriżi biex iwettqu proċess ta' diliġenza dovuta.";

Emenda 47

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4 – punt ba (ġdid)
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 29a – paragrafu 3 – subparagrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jiżdied is-subparagrafu li ġej:
	“5a. L-obbligi ta’ rapportar stabbiliti f’dan l-Artikolu huma mingħajr preġudizzju għad-Direttiva (UE) 2016/943. Għalhekk, l-impriżi ma għandhomx ikunu meħtieġa jiddivulgaw informazzjoni dwar il-kapital intellettwali, il-proprjetà intellettwali jew l-għarfien espert, informazzjoni kummerċjali jew informazzjoni teknoloġika li tikkostitwixxi sigrieti kummerċjali kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1), tad-Direttiva (UE) 2016/943.”;

Emenda 48

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4 – punt bb (ġdid)
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 29a – paragrafu 8 – subparagrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(bb) fil-paragrafu 8, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:
“Dment li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tieni subparagrafu ta’ dan il-paragrafu, impriża prinċipali li hija wkoll impriża sussidjarja għandha tkun eżentata mill-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 5 ta’ dan l-Artikolu (“l-impriża prinċipali eżentata”) jekk tali impriża prinċipali u l-impriżi sussidjarji tagħha jkunu inklużi fir-rapport ta’ ġestjoni kkonsolidat ta’ impriża oħra mfassal f’konformità mal-Artikolu 29 u ma’ dan l-Artikolu. Impriża prinċipali li tkun impriża	“Dment li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tieni subparagrafu ta’ dan il-paragrafu, impriża prinċipali li hija wkoll impriża sussidjarja għandha tkun eżentata mill-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 5 ta’ dan l-Artikolu (“l-impriża prinċipali eżentata”) jekk tali impriża prinċipali u l-impriżi sussidjarji tagħha jkunu inklużi fir-rapport ta’ ġestjoni kkonsolidat ta’ impriża oħra mfassal f’konformità mal-Artikolu 29 u ma’ dan l-Artikolu. Impriża prinċipali li tkun impriża

sussidjarja ta’ impriża prinċipali li tkun stabbilita f’pajjiż terz għandha tkun eżentata wkoll mill-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 5 ta’ dan l-Artikolu meta tali impriża prinċipali u l-impriżi sussidjarji tagħha jkunu inklużi fir-rapportar dwar is-sostenibbiltà kkonsolidat ta’ dik l-impriża prinċipali li hija stabbilita f’pajjiż terz u meta r-rapportar dwar is-sostenibbiltà kkonsolidat jitwettaq skont l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà adottati skont l-Artikolu 29b jew b’mod ekwivalenti għal dawk l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà, kif determinati f’konformità ma’ att ta’ implimentazzjoni dwar l-ekwivalenza tal-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà adottati skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 23(4) tad-Direttiva 2004/109/KE.	sussidjarja ta’ impriża prinċipali li tkun stabbilita f’pajjiż terz għandha tkun eżentata wkoll mill-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 5 ta’ dan l-Artikolu meta***:***
	(i) tali impriża prinċipali u l-impriżi sussidjarji tagħha jkunu inklużi fir-rapportar dwar is-sostenibbiltà kkonsolidat ta’ dik l-impriża prinċipali li hija stabbilita f’pajjiż terz u meta r-rapportar dwar is-sostenibbiltà kkonsolidat jitwettaq skont l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà adottati skont l-Artikolu 29b jew b’mod ekwivalenti għal dawk l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà, kif determinati f’konformità ma’ att ta’ implimentazzjoni dwar l-ekwivalenza tal-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà adottati skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 23(4) tad-Direttiva 2004/109/KE***;***
	(ii) l-impriża prinċipali tkun kumpanija holding finanzjarja f’konformità mal-Artikolu 2(15), li ma jkollha l-ebda

	***sussidjarja fl-Unjoni b'negozju operattiv**.";*

Emenda 49

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4 – punt bc (ġdid)
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 29a – paragrafu 9

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(bc) il-paragrafu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:
9. L-eżenzjoni stabbilita fil-paragrafu 8 għandha tapplika wkoll għal entitajiet ta' interess pubbliku soġġetti għar-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu***, bl-eċċezzjoni ta' impriżi kbar li jkunu entitajiet ta' interess pubbliku kif definiti fil-punt (1)(a) tal-Artikolu 2 ta' din id-Direttiva***.	**"**9. L-eżenzjoni stabbilita fil-paragrafu 8 għandha tapplika wkoll għal entitajiet ta' interess pubbliku soġġetti għar-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu.***";***

Emendi 50 u 138

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 29aa

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) jiddaħħal l-Artikolu 29aa li ġej:	***imħassar***
[...]	

Emenda 51

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6 – punt a
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 29b – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-a) fil-paragrafu 1, jiddaħħal is-subparagrafu li ġej wara t-tieni subparagrafu:
	“Il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, għandha tiżviluppa linji gwida volontarji speċifiċi għas-settur biex tassisti lill-impriżi fl-istess settur biex iwettqu l-valutazzjoni tal-materjalità tagħhom. Dawn il-linji gwida għandhom jipprovdu appoġġ imfassal apposta għall-identifikazzjoni u għad-divulgazzjoni tal-impatti, ir-riskji, u l-opportunitajiet tas-sostenibbiltà rilevanti għas-settur, filwaqt li jiżguraw il-konsistenza u l-komparabbiltà bejn kumpaniji li joperaw fl-istess settur.”;

Emenda 52

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6 – punt a
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 29b – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fil-paragrafu 1, ***jitħassru t-tielet u r-raba’*** subparagrafi;	(a) fil-paragrafu 1, ***it-tielet, ir-raba’ u s-sitt*** subparagrafi ***huma mħassra***;

Emenda 53

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6 – punt aa (ġdid)
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 29b – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(aa) fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
L-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà għandhom jiżguraw il-kwalità tal-informazzjoni ***rraportata***, billi jitolbu li din tkun tinftiehem, rilevanti, verifikabbli, komparabbli u rrappreżentata b'mod leali. L-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà għandhom jevitaw li jimponu piż amministrattiv sproporzjonat fuq l-impriżi***, inkluż billi jqisu,*** kemm jista' jkun***, il-ħidma ta'*** inizjattivi globali li jistabbilixxu l-istandards għar-rapportar dwar is-sostenibbiltà kif mitlub mill-punt (a) tal-paragrafu 5.	***"***L-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà għandhom jiżguraw il-kwalità tal-informazzjoni ***rrapportata***, billi jitolbu li din tkun ***sempliċi, aċċessibbli, razzjonalizzata,*** tinftiehem***, proporzjonata***, rilevanti, verifikabbli, komparabbli u rrappreżentata b'mod leali. L-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà għandhom***:***
	(a) sa fejn ikun possibbli, ikunu kwantitattivi fin-natura tagħhom;
	(b) jevitaw ir-rapportar doppju u kwalunkwe trikkib ma' obbligi li jirriżultaw minn strumenti leġiżlattivi oħra;
	(c) jevitaw li jimponu piż amministrattiv ***u finanzjarju*** sproporzjonat fuq l-impriżi***; u***
	(d) jiżguraw kemm jista' jkun ***l-interoperabbiltà mal-istandards rikonoxxuti internazzjonalment stabbiliti minn*** inizjattivi globali li jistabbilixxu l-istandards għar-rapportar dwar is-sostenibbiltà kif mitlub mill-punt (a) tal-paragrafu 5.***";***

Emendi 236, 295 u 296

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6 – punt b
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 29b – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu***, l-aħħar sentenza hija sostitwita*** b'dan li ġej:	(b) fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu ***huwa sostitwit*** b'dan li ġej:
"L-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà ma għandhomx jispeċifikaw divulgazzjonijiet li jirrikjedu li l-impriżi jiksbu mingħand impriżi fil-katina tal-valur tagħhom li, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, ma jaqbżux l-għadd medju ta' ***1000*** impjegat matul is-sena finanzjarja, kwalunkwe informazzjoni li teċċedi l-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata skont l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà għall-użu volontarju msemmija fl-Artikolu 29ca.";	***"L-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà għandhom iqisu d-diffikultajiet, inklużi l-limitazzjonijiet legali li jirriżultaw minn din id-Direttiva, li l-impriżi jistgħu jiltaqgħu magħhom fil-ġbir ta' informazzjoni mingħand atturi tul il-katina tal-valur tagħhom, speċjalment mingħand dawk li mhumiex soġġetti għar-rekwiżiti tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 19a jew 29a u mingħand fornituri fi swieq u ekonomiji emerġenti. L-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà għandhom jispeċifikaw divulgazzjonijiet dwar ktajjen tal-valur li huma proporzjonati u rilevanti għall-kapaċitajiet u l-karatteristiċi ta' impriżi fil-ktajjen tal-valur, u għall-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom, speċjalment dawk ta' impriżi li mhumiex soġġetti għar-rekwiżiti tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 19a jew 29a.*** L-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà ma għandhomx jispeċifikaw divulgazzjonijiet li jirrikjedu li l-impriżi jiksbu mingħand impriżi fil-katina tal-valur tagħhom li, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, ma jaqbżux l-għadd medju ta' ***1750*** impjegat ***u***

	fatturat nett ta' ***EUR 450 000 000*** matul is-sena finanzjarja, kwalunkwe informazzjoni li teċċedi l-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata skont l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà għall-użu volontarju msemmija fl-Artikolu 29ca.";

Emenda 55

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 29ca – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex jiġi ffaċilitat ir-rapportar volontarju ta' informazzjoni dwar is-sostenibbiltà minn impriżi għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 19a(1) u fl-Artikolu 29a(1), il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat sa [4 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] f'konformità mal-Artikolu 49 li jissupplimenta din id-Direttiva biex jipprevedi standards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà għall-użu volontarju minn tali impriżi.	1. Sabiex jiġi ffaċilitat ir-rapportar volontarju ta' informazzjoni dwar is-sostenibbiltà minn impriżi għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 19a(1) u fl-Artikolu 29a(1) ***u biex tiġi limitata l-informazzjoni li tista' tintalab minn tali impriżi għall-finijiet ta' din id-Direttiva***, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat sa [4 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] f'konformità mal-Artikolu 49 li jissupplimenta din id-Direttiva biex jipprevedi standards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà għall-użu volontarju minn tali impriżi.

Emenda 56

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 29ca – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu proporzjonati u rilevanti għall-kapaċitajiet u l-karatteristiċi tal-impriżi li għalihom huma mfassla u għall-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom. Għandhom ukoll, sa fejn ikun possibbli, jispeċifikaw l-istruttura li trid tintuża biex tiġi ppreżentata tali informazzjoni dwar is-sostenibbiltà.***;***	2. L-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu ***bbażati fuq ir-Rakkomandazzjoni 2025/4984 tal-Kummissjoni u*** proporzjonati ***għad-daqs tal-impriżi,*** u ***jkunu*** rilevanti għall-kapaċitajiet u l-karatteristiċi tal-impriżi li għalihom huma mfassla u għall-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom. Għandhom ukoll, sa fejn ikun possibbli, jispeċifikaw l-istruttura li trid tintuża biex tiġi ppreżentata tali informazzjoni dwar is-sostenibbiltà. ***L-impriżi fil-katina tal-valur jistgħu jagħżlu mudell għar-rapportar ta' informazzjoni dwar is-sostenibbiltà, sabiex l-impriżi li jitolbu informazzjoni ma jkunux meħtieġa jivvalutaw jew jimmappjaw il-kategoriji tad-daqs tal-entitajiet kollha fil-katina tal-valur tagħhom.***

Emenda 57

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 29ca – paragrafu 3 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3. Il-Kummissjoni għandha, tal-anqas kull erba' snin wara d-data tal-applikazzjoni tiegħu, tirrieżamina l-att delegat imsemmi fil-paragrafu 1 u, fejn meħtieġ, għandha temendah biex iqis l-iżviluppi rilevanti għar-rapportar dwar is-sostenibbiltà.

Emenda 58

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 29ca – paragrafu 4 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	“4. Meta temenda atti delegati skont il-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha tqis il-parir tekniku tal-EFRAG.”;

Emenda 59

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 33 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B’deroga mis-subparagrafu 1, l-Istati Membri ***għandhom jiżguraw*** li l-membri tal-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji ta’ impriża, li jaġixxu fi ħdan il-kompetenzi assenjati lilhom mil-liġi nazzjonali, ma jkollhomx responsabbiltà kollettiva biex jiżguraw li r-rapport ta’ ġestjoni, jew ir-rapport ta’ ġestjoni kkonsolidat, fejn applikabbli, jitħejja f’konformità mal-Artikolu 29d.”;	B’deroga mis-subparagrafu 1, l-Istati Membri ***jistgħu jipprevedu*** li l-membri tal-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji ta’ impriża, li jaġixxu fi ħdan il-kompetenzi assenjati lilhom mil-liġi nazzjonali, ma jkollhomx responsabbiltà kollettiva biex jiżguraw li r-rapport ta’ ġestjoni, jew ir-rapport ta’ ġestjoni kkonsolidat, fejn applikabbli, jitħejja f’konformità mal-Artikolu 29d.”;

Emendi 237 u 297

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 11 – punt b
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 34 – paragrafu 2a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-opinjoni msemmija fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, il-punt (aa), titħejja b'rispett sħiħ tal-obbligu fuq l-impriżi li ma jfittxux li jiksbu mingħand impriżi fil-katina tal-valur tagħhom li, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, ma jaqbżux l-għadd medju ta' ***1000*** impjegat matul is-sena finanzjarja, kwalunkwe informazzjoni li teċċedi l-informazzjoni speċifikata fl-istandards għall-użu volontarju msemmija fl-Artikolu 29ca, ħlief għal informazzjoni addizzjonali dwar is-sostenibbiltà li hija kondiviża b'mod komuni bejn l-impriżi fis-settur ikkonċernat.";	2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-opinjoni msemmija fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, il-punt (aa), titħejja b'rispett sħiħ tal-obbligu fuq l-impriżi li ma jfittxux li jiksbu mingħand impriżi fil-katina tal-valur tagħhom li, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, ma jaqbżux l-għadd medju ta' ***1 750*** impjegat ***u fatturat nett ta' EUR 450 000 000*** matul is-sena finanzjarja, kwalunkwe informazzjoni li teċċedi l-informazzjoni speċifikata fl-istandards għall-użu volontarju msemmija fl-Artikolu 29ca, ħlief għal informazzjoni addizzjonali dwar is-sostenibbiltà li hija kondiviża b'mod komuni bejn l-impriżi fis-settur ikkonċernat.";

Emenda 61

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 11 – punt ba (ġdid)
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 34 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	"2b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-opinjoni msemmija fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, il-punt (aa), titħejja b'rispett sħiħ tal-possibbiltà li l-impriżi fil-katina tal-valur jonqsu milli jipprovdu informazzjoni f'każijiet eċċezzjonali fejn impriża stabbilita skont il-leġiżlazzjoni ta' pajjiż terz tkun tista' tiġi sanzjonata minħabba leġiżlazzjoni ta' pajjiż terz sempliċement billi

	tiġi trażmessa data dwar is-sostenibbiltà.”;

Emenda 62

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 12 – punt -a (ġdid)
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 40a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-a) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:
Stat Membru għandu jirrikjedi li impriża sussidjarja stabbilita fit-territorju tiegħu li l-impriża prinċipali apikali tagħha tkun irregolata mil-liġi ta’ pajjiż terz tippubblika u trendi aċċessibbli rapport dwar is-sostenibbiltà li jkopri l-informazzjoni speċifikata fil-punti (a)(iii) sa (a)(v), il-punti (b) sa (f) u, fejn xieraq, il-punt (h) tal-Artikolu 29a(2) fil-livell ta’ grupp ta’ dik l-impriża prinċipali apikali ta’ pajjiż terz.	***“***Stat Membru għandu jirrikjedi li impriża sussidjarja stabbilita fit-territorju tiegħu li l-impriża prinċipali apikali tagħha tkun irregolata mil-liġi ta’ pajjiż terz tippubblika u trendi aċċessibbli rapport dwar is-sostenibbiltà li jkopri l-informazzjoni speċifikata fil-punti (a)(iii) sa (a)(v), il-punti (b) sa (f) u, fejn xieraq, il-punt (h) tal-Artikolu 29a(2)***, u f’konformità mal-Artikolu 29a(3),*** fil-livell ta’ grupp ta’ dik l-impriża prinċipali apikali ta’ pajjiż terz.***”;***

Emenda 63

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 12 – punt a
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 40a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
“L-ewwel subparagrafu għandu japplika biss għal impriżi sussidjarji ***kbar kif definiti fl-Artikolu 3(4) ta’ din id-Direttiva***.”;	“L-ewwel subparagrafu għandu japplika biss għal impriżi sussidjarji ***li, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu fatturat nett ta’ EUR 450 000 000 fis-sena finanzjarja preċedenti***.”;

Emenda 64

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 12 – punt b
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 40a – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ir-raba' ***u l-ħames subparagrafi huma sostitwiti kif*** ġej:	(b) ir-raba' ***subparagrafu huwa sostitwit b'dan li*** ġej:
"Ir-regola msemmija fit-tielet subparagrafu għandha tapplika biss għal fergħa fejn l-impriża ta' pajjiż terz ma jkollhiex impriża sussidjarja kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, u fejn il-fergħa tkun iġġenerat fatturat nett li jaqbeż ***il-livell limitu msemmi fl-Artikolu 3(4), il-punt (b) ta' din id-Direttiva*** fis-sena finanzjarja preċedenti.	"Ir-regola msemmija fit-tielet subparagrafu għandha tapplika biss għal fergħa fejn l-impriża ta' pajjiż terz ma jkollhiex impriża sussidjarja kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, u fejn il-fergħa tkun iġġenerat fatturat nett li jaqbeż ***EUR 450 000 000*** fis-sena finanzjarja preċedenti.

Emendi 65 u 336

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 12 – punt ba (ġdid)
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 40a – paragrafu 1 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) il-ħames subparagrafu huwa mħassar
L-ewwel u t-tielet subparagrafi għandhom japplikaw biss għall-impriżi sussidjarji jew il-fergħat imsemmija f'dawk is-subparagrafi fejn l-impriża ta' pajjiż terz, fil-livell ta' grupp tagħha, jew, jekk mhux applikabbli, il-livell individwali, tkun iġġenerat fatturat nett li jaqbeż EUR 450 000 000 fl-Unjoni għal kull	

waħda mill-aħħar sentejn finanzjarji konsekuttivi.";

Emenda 66

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13 – punt -a (ġdid)
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 49 – paragrafu 2 – l-ewwel sentenza

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-a) fil-paragrafu 2, l-ewwel sentenza, ir-referenza għall-Artikolu 29c hija mħassra;

Emenda 67

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13 – punt -aa (ġdid)
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 49 – paragrafu 3 – l-ewwel sentenza

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-aa) fil-paragrafu 3, l-ewwel sentenza, ir-referenza għall-Artikolu 29c hija mħassra;

Emenda 68

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13 – punt -ab (ġdid)
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 49 – paragrafu 3b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-ab) il-paragrafu 3b huwa emendat kif ġej:
	(i) fl-ewwel subparagrafu, il-parti introduttorja, ir-referenza għall-Artikolu 29c hija mħassra;
	(ii) fir-raba' subparagrafu,

	ir-referenza għall-Artikolu 29c hija mħassra;
	(iii) fis-sitt subparagrafu, ir-referenza għall-Artikolu 29c hija mħassra.

Emenda 69

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13 – punt a – parti introduttorja
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 49 – paragrafu 3c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jiddaħħlu l-paragrafi 3c ***sa 3e*** li ġejjin:	(a) jiddaħħlu l-paragrafi 3c ***u 3d*** li ġejjin:

Emenda 70

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13 – punt a
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 49 – paragrafu 3c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
“3c. Is-setgħa ta’ adozzjoni ta’ atti delegati msemmija ***fl-Artikoli 19b(5), l-Artikoli 29aa(5) u*** 29ca għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta’ żmien indeterminat minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva emendatorja].	“3c. Is-setgħa ta’ adozzjoni ta’ atti delegati msemmija ***fl-Artikolu*** 29ca għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta’ żmien indeterminat minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva emendatorja].

Emenda 71

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13 – punt a
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 49 – paragrafu 3d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3d. Id-delega ta’ ***setgħat***	3d. Id-delega ta’ ***setgħa***

imsemmija fl-Artikolu 19b(5), l-Artikolu 29aa(5) u 29ca tista' tiġi revokata ***f'kull*** mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ***tas-setgħa*** speċifikata f'dik id-deċiżjoni. ***Din*** għandha ssir effettiva fil-jum wara ***dak tal-pubblikazzjoni*** tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.	***msemmija fl-Artikolu*** 29ca tista' tiġi revokata ***fi kwalunkwe*** mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ***ta' setgħa*** speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara ***l-pubblikazzjoni*** tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

Emenda 72

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13 – punt a
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 49 – paragrafu 3e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3e. Il-Kummissjoni għandha tiġbor l-għarfien espert kollu meħtieġ, qabel l-adozzjoni u matul l-iżvilupp ta' atti delegati skont l-Artikolu 19b(5) u l-Artikolu 29aa(5), inkluż permezz tal-konsultazzjoni mal-esperti tal-Grupp ta' Esperti tal-Istati Membri dwar il-Finanzi Sostenibbli msemmi fl-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2020/852.";	***imħassar***

Emenda 73

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13 – punt b
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 49 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
“5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 1(2), l-Artikolu 3(13), ***l-Artikolu 19b,*** l-Artikoli ***29aa,*** 29b, 29ca jew ***l-Artikolu*** 40b jew l-Artikolu 46(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma ***tkun saret l-ebda*** oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill ***matul perjodu ta’*** xahrejn min-notifika ta’ dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ***it-tmiem ta’*** dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex ***se*** joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b’xahrejn fuq ***l-inizjattiva*** tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.”.	“5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 1(2), l-Artikolu 3(13), l-Artikoli 29b, 29ca jew 40b***,*** jew l-Artikolu 46(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma ***tiġix espressa*** oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill ***fi żmien*** xahrejn min-notifika ta’ dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ***ma jiskadi*** dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex ***sejrin*** joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b’xahrejn fuq ***inizjattiva*** tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.”.

Emendi 238 u 298

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b – punt i
Direttiva (UE) 2022/2464
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) għal impriżi ***kbar*** li, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu l-għadd medju ta’ ***1000*** impjegat matul is-sena finanzjarja;”;	(i) għal impriżi li, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu l-għadd medju ta’ ***1 750*** impjegat ***u fatturat nett ta’ EUR 450 000 000*** matul is-sena finanzjarja;”;

Emendi 239 u 299

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b – punt ii
Direttiva (UE) 2022/2464
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b – punt (ii)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) għal impriżi omm ta' grupp ***kbir*** li, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tiegħu, jaqbeż l-għadd medju ta' 1000 impjegat, fuq bażi konsolidata, matul is-sena finanzjarja;";	(ii) għal impriżi omm ta' grupp li, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tiegħu, jaqbeż l-għadd medju ta' ***1750*** impjegat ***u b'fatturat nett ta' EUR 450 000 000***, fuq bażi konsolidata, matul is-sena finanzjarja;";

Emendi 240 u 300

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b – punt i
Direttiva (UE) 2022/2464
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 3 – punt b – punt (i)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) għal emittenti kif definiti fl-Artikolu 2(1), il-punt (d) tad-Direttiva 2004/109/KE li huma impriżi ***kbar skont it-tifsira tal-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2013/34/UE*** li, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom jaqbżu l-għadd medju ta' ***1000*** impjegat matul is-sena finanzjarja;";	(i) għal emittenti kif definit fl-Artikolu 2(1), il-punt (d) tad-Direttiva 2004/109/KE li huma impriżi li, fid-dati tal-karta bilanċjali tagħhom jaqbżu l-għadd medju ta' ***1 750*** impjegat ***u fatturat nett ta' EUR 450 000 000*** matul is-sena finanzjarja;***"***;

Emendi 241 u 301

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b – punt ii
Direttiva (UE) 2022/2464
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 3 – punt b – punt (ii)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) għal emittenti kif definiti fl-Artikolu 2(1), il-punt (d) tad-Direttiva 2004/109/KE li huma impriżi ***omm*** ta' grupp ***kbir*** li, fid-dati tal-karta ***tal-bilanċ*** tiegħu, jaqbeż l-għadd medju ta' ***1000*** impjegat, fuq bażi konsolidata, matul is-sena finanzjarja;";	(ii) għal emittenti kif definiti fl-Artikolu 2(1), il-punt (d) tad-Direttiva 2004/109/KE li huma impriżi ***prinċipali*** ta' grupp li, fid-dati tal-karta ***bilanċjali*** tiegħu, jaqbeż l-għadd medju ta' ***1 750*** impjegat ***u fatturat nett ta' EUR 450 000 000***, fuq bażi konsolidata, matul is-sena

	finanzjarja;”;

Emendi 397 u 302

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1 - parti introduttorja
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) fl-Artikolu 1(1), il-punt (c) huwa ***sostitwit b’dan li ġej:***	(1) fl-Artikolu 1(1), il-punt (c) huwa ***mħassar.***

Emenda 304

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:
	(a) fil-paragrafu 1, il-punt (b) huwa sostitwit b’dan li ġej:
	“(a) il-kumpanija kellha medja ta’ aktar minn 5 000 impjegat u kellha fatturat nett dinji ta’ aktar minn EUR 1,5 biljun fl-aħħar sena finanzjarja li għaliha ġew adottati jew kellhom jiġu adottati dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali”;
	(b) fil-paragrafu 2, il-punt (a) huwa sostitwit b’dan li ġej:
	“(a) il-kumpanija ġġenerat fatturat nett ta’ aktar minn EUR 1,5 biljun fl-Unjoni fis-sena finanzjarja ta’ qabel l-aħħar sena finanzjarja;”
	(c) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit

	b’dan li ġej:
	“3. Meta l-kumpanija prinċipali apikali jkollha bħala l-attività ewlenija tagħha ż-żamma ta’ ishma f’sussidjarji operazzjonali u ma tinvolvix ruħha fit-teħid ta’ deċiżjonijiet maniġerjali, operazzjonali jew finanzjarji li jaffettwaw il-grupp jew waħda mis-sussidjarji jew aktar tagħha, hija tista’ tiġi eżentata milli twettaq l-obbligi skont din id-Direttiva. Dik l-eżenzjoni hija soġġetta għall-kundizzjoni li waħda mis-sussidjarji tal-kumpanija prinċipali apikali stabbilita fl-Unjoni tiġi ddeżinjata biex tissodisfa l-obbligi stipulati fl-Artikoli 6 sa 16 f’isem il-kumpanija prinċipali apikali, inklużi l-obbligi tal-kumpanija prinċipali apikali fir-rigward tal-attivitajiet tas-sussidjarji tagħha. F’tali każ, is-sussidjarja ddeżinjata tingħata l-mezzi u l-awtorità legali kollha meħtieġa biex tissodisfa dawk l-obbligi b’mod effettiv, b’mod partikolari biex tiżgura li s-sussidjarja ddeżinjata tikseb mingħand il-kumpaniji tal-grupp l-informazzjoni u d-dokumenti rilevanti biex tissodisfa l-obbligi tal-kumpanija prinċipali apikali skont din id-Direttiva.”;

Emenda 81

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2 – parti introduttorja
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) ***fl-Artikolu*** 3(1)***, il-punt (n)*** huwa ***sostitwit b'dan li*** ġej:	(2) ***L-Artikolu*** 3(1) huwa ***emendat kif*** ġej:

Emenda 83

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b (ġdid)
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt w (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b) jiżdied il-punt li ġej:
	"(w) "informazzjoni raġonevolment disponibbli" tfisser informazzjoni li tista' tinkiseb mill-kumpanija mis-sorsi tagħha stess, jew minn sorsi eżistenti jew sekondarji mingħajr ma jiġi kkuntattjat sieħeb kummerċjali.";

Emenda 84

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3 – parti introduttorja
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-Artikolu 4 huwa ***sostitwit b'dan li*** ġej:	(3) L-Artikolu 4 huwa ***emendat kif*** ġej:

Emenda 85

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a (ġdid)
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 1(2) u (3), l-Istati Membri ma għandhomx jintroduċu, fil-liġi nazzjonali tagħhom, dispożizzjonijiet fil-qasam kopert minn din id-Direttiva li ***jistabbilixxu obbligi ta' diliġenza dovuta tad-drittijiet tal-bniedem u obbligi ta' diliġenza dovuta ambjentali li*** jiddevjaw minn dawk stabbiliti fl-Artikoli 6 ***u 8, fl-Artikoli 10(1)*** sa ***(5), fl-Artikolu 11(1) sa (6) u fl-Artikolu 14***.	Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 1(2) u (3), l-Istati Membri ma għandhomx jintroduċu, fil-liġi nazzjonali tagħhom, dispożizzjonijiet fil-qasam kopert minn din id-Direttiva li jiddevjaw minn dawk stabbiliti fl-Artikoli 6 sa ***16***.

Emenda 86

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b (ġdid)
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b) il-paragrafu 2 huwa mħassar;
2. Minkejja l-paragrafu 1, din id-Direttiva ma għandhiex tipprekludi lill-Istati Membri milli jintroduċu, fil-liġi nazzjonali tagħhom, dispożizzjonijiet aktar stretti li jiddevjaw minn dawk stabbiliti fid-dispożizzjonijiet għajr l-Artikoli 6 u 8, l-Artikolu 10(1) sa (5), l-Artikolu 11(1) sa (6) u l-Artikolu 14, jew dispożizzjonijiet li jkunu aktar speċifiċi f'termini tal-objettiv jew tal-qasam kopert, inkluż billi jirregolaw prodotti, servizzi jew sitwazzjonijiet	

speċifiċi, sabiex jinkiseb livell differenti ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, tal-impjiegi u dawk soċjali, tal-ambjent jew tal-klima.;

Emenda 305

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:
	(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:
	"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumpaniji prinċipali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jkunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi stipulati fl-Artikoli 7 sa 11 f'isem kumpaniji li jkunu sussidjarji ta' dawk il-kumpaniji prinċipali u li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, jekk dan jiżgura konformità effettiva. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-fatt li tali sussidjarji jkunu soġġetti għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-awtorità superviżorja f'konformità mal-Artikolu 25 u għar-responsabbiltà ċivili tagħhom f'konformità mal-Artikolu 29.";
	(b) il-paragrafu 3 huwa mħassar;
	(c) jiżdied il-paragrafu li ġej:
	"3a. Meta kumpanija koperta

	minn din id-Direttiva takkwista kumpanija li ma kinitx fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, il-kumpanija akkwirenti jkollha sentejn biex tintegra l-proċessi tal-kumpanija mixtrija fil-politika ta' diliġenza dovuta tagħha stess.";

Emenda 88

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***Fil-paragrafu*** 2***, il-punt (b)*** huwa sostitwit b'dan li ġej:	(a) ***il-paragrafu*** 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	"2 Bħala parti mill-obbligu stipulat fil-paragrafu 1, u bl-adozzjoni ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskji li jqis il-fatturi ta' riskju rilevanti, inklużi fatturi ta' riskju ġeografiċi u kuntestwali, bħal-livell tal-infurzar tal-liġi; fatturi ta' riskju settorjali, tal-prodotti jew tas-servizzi, kif ukoll fatturi ta' riskju tal-operat kummerċjali jew tas-sħab kummerċjali, bħal jekk is-sieħeb kummerċjali huwiex kumpanija koperta minn din id-Direttiva, il-kumpaniji għandhom jieħdu miżuri xierqa biex:
	(a) iwettqu identifikazzjoni bikrija, abbażi ta' informazzjoni raġonevolment disponibbli, biex jidentifikaw oqsma ġenerali fl-operazzjonijiet tagħhom stess, dawk tas-sussidjarji tagħhom

	u, meta relatati mal-ktajjen ta' attivitajiet tagħhom, dawk tas-sħab kummerċjali tagħhom, fejn x'aktarx l-aktar li jseħħu l-impatti negattivi u li jkunu l-aktar severi;
(b) abbażi tar-riżultati ***tal-immappjar kif imsemmi*** fil-punt (a), ***iwettqu valutazzjoni fil-fond tal-operazzjonijiet tagħhom stess***, ***dawk tas-sussidjarji tagħhom u, meta relatati mal-ktajjen ta' attivitajiet tagħhom***, ***dawk tas-sħab kummerċjali diretti tagħhom, fl-oqsma*** fejn ġie identifikat li l-impatti negattivi ***huwa*** l-aktar ***probabbli*** li jseħħu u ***fejn x'aktarx*** li jkunu l-aktar severi.;	(b) abbażi tar-riżultati ***tal-identifikazzjoni bikrija msemmija*** fil-punt (a), ***u meta, abbażi ta' informazzjoni rilevanti u verifikabbli***, ***il-kumpanija jkollha raġuni biex temmen li nħolqu jew jistgħu jinħolqu impatti negattivi***, ***iwettqu valutazzjoni ulterjuri biss f'dawk l-oqsma*** fejn ġie identifikat li l-impatti negattivi ***x'aktarx*** l-aktar li jseħħu u li jkunu l-aktar severi. ***Il-kumpaniji ma għandhomx ikunu meħtieġa jitolbu xi informazzjoni mingħand is-sħab kummerċjali, meta ma jkunu ġew identifikati l-ebda riskji probabbli u severi. Il-kumpaniji għandhom ikunu jistgħu jipprijoritizzaw il-valutazzjoni tas-sħab kummerċjali diretti, f'konformità mas-severità u mal-probabbiltà tal-impatti negattivi.***";

Emenda 89

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4 – punt b
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 8 – paragrafu 2a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:	***imħassar***
2a. Meta kumpanija jkollha informazzjoni plawżibbli li tissuġġerixxi li jkunu	

żviluppaw jew li jistgħu jiżviluppaw impatti negattivi fil-livell tal-operazzjonijiet ta' sieħeb kummerċjali indirett, hija għandha twettaq valutazzjoni fil-fond. Il-kumpanija għandha dejjem twettaq tali valutazzjoni meta n-natura indiretta, aktar milli diretta, tar-relazzjoni mas-sieħeb kummerċjali tkun ir-riżultat ta' arranġament artifiċjali li ma jirriflettix ir-realtà ekonomika iżda jindika ċirkomvenzjoni tal-paragrafu 2, il-punt (b). Meta l-valutazzjoni tikkonferma l-probabbiltà jew l-eżistenza tal-impatt negattiv, din titqies li tkun ġiet identifikata.

L-ewwel subparagrafu huwa mingħajr preġudizzju għal li l-kumpanija tqis l-informazzjoni disponibbli dwar is-sħab kummerċjali indiretti u jekk dawk is-sħab kummerċjali jistgħux isegwu r-regoli u l-prinċipji stabbiliti fil-kodiċi ta' kondotta tal-kumpanija meta tagħżel sieħeb kummerċjali dirett.

Minkejja l-ewwel subparagrafu, irrispettivament minn jekk tkunx disponibbli informazzjoni plawżibbli dwar sħab kummerċjali indiretti, kumpanija għandha tfittex aċċertamenti kuntrattwali minn sieħeb kummerċjali dirett li dak is-sieħeb kummerċjali se jiżgura l-konformità mal-kodiċi ta' kondotta tal-kumpanija billi jistabbilixxi aċċertamenti kuntrattwali korrispondenti mis-sħab kummerċjali tiegħu. L-Artikolu 10(2), il-punti (b) u (e) għandu japplika kif

xieraq.”;

Emenda 90

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4 – punt ba (ġdid)
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b’dan li ġej:
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, għall-finijiet tal-identifikazzjoni ***u tal-valutazzjoni tal-impatti negattivi msemmija*** fil-paragrafu ***1 abbażi ta’***, ***meta jkun xieraq, informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva***, il-kumpaniji ***jkunu intitolati*** li ***jagħmlu użu minn riżorsi xierqa, inklużi rapporti indipendenti u informazzjoni miġbura permezz tal-mekkaniżmu ta’ notifika u tal-proċedura għall-ilmenti previsti fl-Artikolu 14***.	***“3.*** L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, għall-finijiet tal-identifikazzjoni ***bikrija prevista*** fil-paragrafu ***2***, ***il-punt (a)***, il-kumpaniji ***ma jfittxux*** li ***jiksbu l-informazzjoni mingħand is-sħab kummerċjali tagħhom iżda jiddependu unikament fuq informazzjoni li tkun diġà raġonevolment disponibbli, inklużi l-fatturi ta’ riskju***.***”;***

Emenda 91

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4 –punt c
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
“4. ***Meta l-informazzjoni meħtieġa għall-valutazzjoni fil-fond*** prevista fil-paragrafu 2, il-punt (b), ***u*** fil-paragrafu ***2a*** tkun tista’ tinkiseb ***minn*** sħab kummerċjali differenti, il-kumpanija għandha ***tipprijoritizza li titlob*** tali	“4. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, għall-finijiet tal-valutazzjoni ulterjuri*** prevista fil-paragrafu 2, il-punt (b), ***ta’ dan l-Artikolu, il-kumpaniji ma jfittxux li jiksbu l-informazzjoni mis-sħab kummerċjali tagħhom, dment***

informazzjoni, meta jkun raġonevoli, direttament ***mis-sieħeb*** jew ***sħab*** kummerċjali fejn l-impatti negattivi ***jkunu*** l-aktar ***probabbli*** li jseħħu.”;	***li dan ma jkunx neċessarju. Meta s-sieħeb kummerċjali jkollu anqas minn 5 000 impjegat, il-kumpaniji jistgħu jfittxu tali informazzjoni biss bħala l-aħħar alternattiva, u jekk ma tkunx tista’ tinkiseb b’mod raġonevoli b’mezzi oħra, b’mod partikolari minn sorsi eżistenti jew sekondarji. Fi kwalunkwe każ, kwalunkwe talba għandha tkun immirata, raġonevoli u proporzjonata.*** ***Meta l-informazzjoni neċessarja għall-valutazzjoni ulterjuri prevista*** fil-paragrafu ***2, il-punt (b),*** tkun tista’ tinkiseb ***mingħand*** sħab kummerċjali differenti, il-kumpanija għandha ***tfittex*** tali informazzjoni, meta jkun raġonevoli, direttament ***mingħand is-sieħeb*** jew ***is-sħab*** kummerċjali fejn l-impatti negattivi ***x’aktarx*** l-aktar li jseħħu. ***L-informazzjoni tista’ titfittex b’mod individwali jew kollaborattiv***.”;

Emenda 92

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4 –punt d
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 8 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
“5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, ***għall-immappjar previst*** fil-paragrafu ***2***, ***il-punt (a)***, ***il-kumpaniji ma għandhomx ifittxu*** li ***jiksbu informazzjoni mingħand sħab kummerċjali diretti b’inqas minn 500 impjegat li teċċedi l-informazzjoni speċifikata fl-istandards għall-użu volontarju msemmija fl-***	“5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, ***għall-finijiet tal-identifikazzjoni u tal-valutazzjoni tal-impatti negattivi msemmija*** fil-paragrafu ***1 abbażi ta’***, ***meta jkun xieraq***, ***informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva, il-kumpaniji jkunu intitolati*** li ***jagħmlu użu minn riżorsi xierqa, inklużi rapporti***

Artikolu 29a tad-Direttiva 2013/34/UE.";	***indipendenti, soluzzjonijiet diġitali, inizjattivi tal-industrija jew ta' diversi partijiet ikkonċernati, kollaborazzjoni u informazzjoni miġbura permezz tal-mekkaniżmu ta' notifika u tal-proċedura tal-ilmenti previsti fl-Artikolu 14***.
B'deroga mill-ewwel subparagrafu, meta tkun neċessarja informazzjoni addizzjonali għall-immappjar previst fil-paragrafu 2, il-punt (a), fid-dawl ta' indikazzjonijiet ta' impatti negattivi probabbli jew peress li l-istandards ma jkoprux l-impatti rilevanti, u meta tali informazzjoni ***addizzjonali*** ma ***tkunx tista' tinkiseb b'mod raġonevoli b'mezzi oħra, il-kumpanija tista' tfittex tali informazzjoni mingħand dak is-sieħeb kummerċjali***.";	***Meta, minkejja li jkunu ħadu miżuri xierqa biex jidentifikaw l-impatti negattivi, il-kumpaniji ma jkollhomx l-informazzjoni kollha neċessarja rigward il-ktajjen ta' attivitajiet tagħhom, huma għandhom ikunu jistgħu jispjegaw b'mod raġonevoli għaliex*** tali informazzjoni ***ma tistax tinkiseb. Jekk, b'riżultat ta' dan, huma*** ma ***setgħux jieħdu miżuri xierqa biex jipprevjenu, jimmitigaw, itemmu jew jimminimizzaw l-impatt negattiv, dawn ma għandhomx jiġu penalizzati***.";

Emenda 93

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 9

Test fis-seħħ	*Emenda*
	4a. L-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Artikolu 9	Artikolu 9
Prijoritizzazzjoni tal-impatti negattivi reali u potenzjali identifikati	Prijoritizzazzjoni tal-impatti negattivi reali u potenzjali identifikati
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta ma ***jkunux*** fattibbli ***l-prevenzjoni***, ***il-mitigazzjoni***, ***it-tmiem*** jew ***il-***	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta ma ***jkunx*** fattibbli ***għall-kumpaniji li jipprevjenu***, ***jimmitigaw***,

minimizzazzjoni tal-impatti negattivi identifikati kollha ***fl-istess ħin u b'mod sħiħ***, il-kumpaniji jagħtu prijorità lill-impatti negattivi ***identifikati skont l-Artikolu 8 sabiex jiġu ssodisfati*** l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 10 jew 11.	***itemmu*** jew ***jimminimizzaw l-impatti*** negattivi identifikati kollha ***skont l-Artikolu 8***, il-kumpaniji ***jistgħu*** jagħtu prijorità lill-impatti negattivi ***li jkunu l-aktar severi jew li x'aktarx l-aktar li jseħħu sabiex jissodisfaw*** l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 10 jew 11.
2. ***Il-prijoritizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1*** għandha ***tkun ibbażata fuq is-severità*** u ***l-probabbiltà tal-impatti negattivi***.	2. ***Ladarba l-impatti negattivi l-aktar severi u li x'aktarx l-aktar li jseħħu jiġu indirizzati f'konformità mal-Artikolu 10 jew 11 fi żmien raġonevoli, il-kumpanija*** għandha ***tindirizza impatti negattivi anqas severi*** u ***li x'aktarx li jseħħu anqas***.
3. ***Ladarba l-impatti negattivi l-aktar severi u li x'aktarx l-aktar*** li ***jseħħu jiġu indirizzati f'konformità mal-Artikolu 10*** jew ***11 fi żmien raġonevoli, il-kumpanija għandha tindirizza impatti negattivi*** anqas ***severi u li x'aktarx jseħħu anqas***.	3. ***Meta d-deċiżjonijiet ta' prijoritizzazzjoni jittieħdu f'konformità ma' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw*** li ***l-kumpaniji ma jiġux ippenalizzati skont l-Artikolu 25*** jew ***27 għal kwalunkwe ħsara li tirriżulta minn kwalunkwe impatt negattiv*** anqas ***sinifikanti li jkun għadu ma ġiex indirizzat***.***";***

Emendi 246 u 306

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 10 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fir-rigward tal-impatti negattivi potenzjali kif imsemmi fil-paragrafu 1 li ma setgħux jiġu evitati jew mitigati b'mod adegwat mill-miżuri stabbiliti fil-paragrafi 2, 4 u 5, il-kumpanija ***għandha***, bħala l-aħħar ***istanza***:	Fir-rigward tal-impatti negattivi potenzjali kif imsemmi fil-paragrafu 1 li ma setgħux jiġu evitati jew mitigati b'mod adegwat mill-miżuri stabbiliti fil-paragrafi 2, 4 u 5, il-kumpanija ***tista'***, bħala l-aħħar ***rimedju***:

Emenda 94

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 10 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) tuża jew iżżid l-ingranaġġ tagħha permezz tas-sospensjoni tar-relazzjoni kummerċjali fir-rigward tal-attivitajiet ikkonċernati.	(c) tuża jew iżżid l-ingranaġġ tagħha***, fejn possibbli,*** permezz tas-sospensjoni ***temporanja*** tar-relazzjoni kummerċjali fir-rigward tal-attivitajiet ikkonċernati.

Emenda 95

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 10 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sakemm ikun hemm aspettattiva raġonevoli li l-pjan ta' azzjoni ta' prevenzjoni msaħħaħ se jirnexxi, is-sempliċi fatt li titkompla l-interazzjoni mas-sieħeb kummerċjali ma għandux ***jiskatta r-responsabbiltà tal-kumpanija***.	Sakemm ikun hemm aspettattiva raġonevoli li l-pjan ta' azzjoni ta' prevenzjoni msaħħaħ se jirnexxi, is-sempliċi fatt li titkompla l-interazzjoni mas-sieħeb kummerċjali ma għandux ***jesponi lill-kumpanija għal penali skont l-Artikolu 27 jew għal responsabbiltà skont l-Artikolu 29***.

Emenda 96

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 10 – paragrafu 6 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Qabel ma tissospendi relazzjoni	Qabel ma tissospendi relazzjoni

kummerċjali, il-kumpanija għandha tivvaluta jekk l-impatti negattivi meta tagħmel dan jistgħux ikunu raġonevolment mistennija li jkunu manifestament aktar severi mill-impatt negattiv li ma setax jiġi prevenut jew mitigat b'mod adegwat. Jekk dak ikun il-każ, il-kumpanija ma għandhiex tkun meħtieġa tissospendi r-relazzjoni kummerċjali, u għandha tkun f'pożizzjoni li tirrapporta lura lill-awtorità superviżorja kompetenti dwar ir-raġunijiet debitament ġustifikati għal tali deċiżjoni.	kummerċjali ***temporanjament***, il-kumpanija għandha tivvaluta ***f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, jekk teżistix ebda alternattiva disponibbli għal dik ir-relazzjoni kummerċjali, li tipprovdi materja prima, prodott jew servizz essenzjali għall-produzzjoni ta' oġġetti jew għall-forniment ta' servizzi tal-kumpanija u s-sospensjoni tikkawżax preġudizzju sostanzjali lill-kumpanija jew*** jekk l-impatti negattivi meta tagħmel dan jistgħux ikunu raġonevolment mistennija li jkunu manifestament aktar severi mill-impatt negattiv li ma setax jiġi prevenut jew mitigat b'mod adegwat. Jekk dak ikun il-każ, il-kumpanija ma għandhiex tkun meħtieġa tissospendi r-relazzjoni kummerċjali, u għandha tkun f'pożizzjoni li tirrapporta lura lill-awtorità superviżorja kompetenti dwar ir-raġunijiet debitament ġustifikati għal tali deċiżjoni.

Emenda 97

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 10 – paragrafu 6 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprevedu opzjoni biex tiġi sospiża r-relazzjoni kummerċjali f'kuntratti rregolati mil-liġijiet tagħhom ***f'konformità mal-ewwel subparagrafu***, ħlief għal kuntratti fejn il-partijiet ikunu obbligati bil-liġi li jidħlu fihom.	L-Istati Membri għandhom jipprevedu opzjoni biex tiġi sospiża ***jew mitmuma*** r-relazzjoni kummerċjali f'kuntratti rregolati mil-liġijiet tagħhom, ħlief għal kuntratti fejn il-partijiet ikunu obbligati bil-liġi li jidħlu fihom.

Emendi 247 u 307

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 11 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fir-rigward tal-impatti negattivi reali kif imsemmi fil-paragrafu 1 li ma setgħux ***jiġu evitati jew mitigati b'mod adegwat*** mill-miżuri stabbiliti fil-paragrafi 3, 5 u 6, il-kumpanija ***għandha***, bħala l-aħħar ***istanza***:	Fir-rigward tal-impatti negattivi reali kif imsemmi fil-paragrafu 1 li ma setgħux ***jinġiebu fi tmiemhom jew li l-firxa tagħhom ma setgħetx tiġi minimizzata*** mill-miżuri stabbiliti fil-paragrafi 3, 5 u 6, il-kumpanija ***tista'***, bħala l-aħħar ***rimedju***:

Emenda 99

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 11 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta l-liġi li tirregola r-relazzjoni tagħha mas-sieħeb kummerċjali kkonċernat tkun ***tippermettilha***, tadotta u timplimenta pjan ***ta' azzjoni*** ta' ***prevenzjoni msaħħaħ*** għall-impatt negattiv speċifiku mingħajr dewmien żejjed, dment li jkun hemm aspettattiva raġonevoli li dawk l-isforzi se jirnexxu, u	(b) meta l-liġi li tirregola r-relazzjoni tagħha mas-sieħeb kummerċjali kkonċernat tkun ***tintitolaha li tagħmel dan***, tadotta u timplimenta pjan ***imsaħħaħ*** ta' ***azzjoni korrettiva*** għall-impatt negattiv speċifiku mingħajr dewmien żejjed, dment li jkun hemm aspettattiva raġonevoli li dawk l-isforzi se jirnexxu, u

Emenda 100

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 11 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) tuża jew iżżid l-ingranaġġ tagħha permezz tas-sospensjoni tar-relazzjoni kummerċjali fir-rigward tal-attivitajiet ikkonċernati.	(c) tuża jew iżżid l-ingranaġġ tagħha***, fejn possibbli,*** permezz tas-sospensjoni ***temporanja*** tar-relazzjoni kummerċjali fir-rigward tal-attivitajiet ikkonċernati.

Emenda 101

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 11 – paragrafu 7 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sakemm ikun hemm aspettattiva raġonevoli li l-pjan ***ta' azzjoni*** ta' ***prevenzjoni msaħħaħ*** se jirnexxi, is-sempliċi fatt li titkompla l-interazzjoni mas-sieħeb kummerċjali ma għandux ***jiskatta r-responsabbiltà tal-kumpanija***.	Sakemm ikun hemm aspettattiva raġonevoli li l-pjan ***msaħħaħ*** ta' ***azzjoni korrettiva*** se jirnexxi, is-sempliċi fatt li titkompla l-interazzjoni mas-sieħeb kummerċjali ma għandux ***jesponi lill-kumpanija għal penali skont l-Artikolu 27 jew għal responsabbiltà skont l-Artikolu 29***.

Emenda 102

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 11 – paragrafu 7 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Qabel ma tissospendi relazzjoni kummerċjali, il-kumpanija għandha tivvaluta jekk l-impatti negattivi meta tagħmel dan jistgħux ikunu raġonevolment mistennija li jkunu manifestament aktar severi mill-impatt negattiv li ma setax jiġi ***prevenut*** jew ***mitigat*** b'mod adegwat. Jekk dak	Qabel ma tissospendi relazzjoni kummerċjali ***temporanjament***, il-kumpanija għandha tivvaluta***, f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, jekk teżistix ebda alternattiva disponibbli għal dik ir-relazzjoni kummerċjali li tipprovdi materja prima,***

ikun il-każ, il-kumpanija ma għandhiex tkun meħtieġa tissospendi r-relazzjoni kummerċjali, u għandha tkun f'pożizzjoni li tirrapporta lura lill-awtorità superviżorja kompetenti dwar ir-raġunijiet debitament ġustifikati għal tali deċiżjoni.	***prodott jew servizz essenzjali għall-produzzjoni ta' oġġetti jew għall-provvista ta' servizzi ta' dik il-kumpanija u s-sospensjoni tikkawżax preġudizzju sostanzjali lill-kumpanija, jew*** jekk l-impatti negattivi meta tagħmel dan jistgħux ikunu raġonevolment mistennija li jkunu manifestament aktar severi mill-impatt negattiv li ma setax jiġi ***mitmum*** jew ***li l-firxa tiegħu ma setgħetx tiġi minimizzata*** b'mod adegwat. Jekk dak ikun il-każ, il-kumpanija ma għandhiex tkun meħtieġa tissospendi r-relazzjoni kummerċjali, u għandha tkun f'pożizzjoni li tirrapporta lura lill-awtorità superviżorja kompetenti dwar ir-raġunijiet debitament ġustifikati għal tali deċiżjoni.

Emenda 103

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 11 – paragrafu 7 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprevedu opzjoni biex tiġi sospiża r-relazzjoni kummerċjali f'kuntratti rregolati mil-liġijiet tagħhom f'konformità mal-ewwel subparagrafu, ħlief għal kuntratti fejn il-partijiet ikunu obbligati bil-liġi li jidħlu fihom.	L-Istati Membri għandhom jipprevedu opzjoni biex tiġi sospiża ***jew mitmuma*** r-relazzjoni kummerċjali f'kuntratti rregolati mil-liġijiet tagħhom f'konformità mal-ewwel subparagrafu, ħlief għal kuntratti fejn il-partijiet ikunu obbligati bil-liġi li jidħlu fihom.

Emenda 104

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6

Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 11 – paragrafu 7 – subparagrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-kumpanija tiddeċiedi li ma tissospendix ir-relazzjoni kummerċjali skont dan l-Artikolu, għandha timmonitorja l-impatt negattiv ***potenzjali*** u perjodikament tivvaluta d-deċiżjoni tagħha u jekk humiex disponibbli aktar miżuri xierqa.”;	Meta l-kumpanija tiddeċiedi li ma tissospendix ir-relazzjoni kummerċjali skont dan l-Artikolu, ***hija*** għandha timmonitorja l-impatt negattiv ***reali*** u perjodikament tivvaluta d-deċiżjoni tagħha u jekk humiex disponibbli aktar miżuri xierqa.”;

Emenda 105

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 8
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 15 – it-tieni sentenza

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
“Tali valutazzjonijiet għandhom ikunu bbażati, meta jkun xieraq, fuq indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi u għandhom jitwettqu mingħajr dewmien żejjed wara li sseħħ bidla sinifikanti, iżda mill-inqas kull ***5*** snin u kull meta jkun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li l-miżuri ma għadhomx adegwati jew effettivi jew li jistgħu jinħolqu riskji ġodda tal-okkorrenza ta’ dawk l-impatti negattivi.”;	“Tali valutazzjonijiet għandhom ikunu bbażati, meta jkun xieraq, fuq indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi u għandhom jitwettqu mingħajr dewmien żejjed wara li sseħħ bidla sinifikanti, iżda mill-inqas kull ***erba’*** snin u kull meta jkun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li l-miżuri ma għadhomx adegwati jew effettivi jew li jistgħu jinħolqu riskji ġodda tal-okkorrenza ta’ dawk l-impatti negattivi.”;

Emendi 248 u 310

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 19 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

	(8a) fl-Artikolu 19(2), il-punt (b) huwa mħassar;

Emenda 106

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 9
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 19 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"3. Il-linji gwida ***kif imsemmi*** fil-paragrafu 2, ***il-punt*** (a), għandhom isiru disponibbli sas-26 ta' Lulju 2026***, dawk imsemmija fil-paragrafu 2, il-punti (d) u (e), sas-26 ta' Jannar 2027, u dawk imsemmija fil-paragrafu 2, il-punti (b), (f) u (g), sas-26 ta' Lulju 2027***.";	"3. Il-linji gwida ***msemmija*** fil-paragrafu 2, ***il-punti*** (a), ***(b) u (d) sa (g)*** għandhom isiru disponibbli sas-26 ta' Lulju 2026.";

Emendi 311 u 398

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 10 – parti introduttorja
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) ***fl-Artikolu*** 22***(1), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:***	(10) ***L-Artikolu*** 22 ***jitħassar;***

Emendi 251 u 313
Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 24 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10 a) fl-Artikolu 24, il-paragrafu 1 huwa sostitwit

	b'dan li ġej:
	"1. Kull Stat Membru għandu jiddeżinja awtorità superviżorja waħda jew aktar biex jissorveljaw il-konformità mal-obbligi stabbiliti fid-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali adottati skont l-Artikoli 7 sa 16.";

Emendi 252 u 314

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 10b (ġdid)
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10b) fl-Artikolu 25, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet superviżorji jkollhom setgħat u riżorsi adegwati biex iwettqu l-kompiti assenjati lilhom skont din id-Direttiva, inkluża s-setgħa li jirrikjedu li l-kumpaniji jipprovdu informazzjoni u jwettqu investigazzjonijiet relatati mal-konformità mal-obbligi stipulati fl-Artikoli 7 sa 16.";

Emenda 113

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 11 – parti introduttorja
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 27 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) fl-Artikolu 27***, il-paragrafu 4*** huwa ***sostitwit***	***(11) L-Artikolu*** 27 huwa ***emendat kif*** ġej:

b'dan li ġej:

Emenda 114

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 11 – punt a (ġdid)
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a) fil-paragrafu 2, il-punt (d) huwa mħassar;

Emendi 253 u 315

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 11
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 27 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, għandha toħroġ gwida biex tassisti lill-awtoritajiet superviżorji fid-determinazzjoni tal-livell ta' penali f'konformità ma' dan l-Artikolu. ***L-Istati Membri ma għandhomx jistabbilixxu limitu massimu ta' penali pekunarji fil-liġi nazzjonali tagħhom li tittrasponi din id-Direttiva li jkun jipprevjeni lill-awtoritajiet superviżorji milli jimponu penali f'konformità mal-prinċipji u l-fatturi stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2.***;	4. Il-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, għandha toħroġ gwida ***dwar il-livell xieraq ta' penali, filwaqt li tqis il-fatturat tal-kumpaniji,*** biex tassisti lill-awtoritajiet superviżorji fid-determinazzjoni tal-livell ta' penali f'konformità ma' dan l-Artikolu.

Emendi 116, 117, 254, 316cp1 u 316cp2

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 13 – parti introduttorja

Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) ***fl-Artikolu*** 36***, jitħassar il-paragrafu 1.***	(13) ***L-Artikolu*** 36 ***huwa emendat kif ġej:***
	(a) il-paragrafu 1 huwa mħassar;
	(b) fil-paragrafu 2, il-punt (e) huwa mħassar.

Emenda 119

Proposta għal direttiva
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a
	Soluzzjonijiet diġitali
	1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi portal ta' rapportar diġitali ddedikat li jservi bħala punt uniku ta' servizz għall-kumpaniji. Il-portal għandu jipprovdi aċċess liberu għall-mudelli, għal-linji gwida u għall-informazzjoni kollha relatati mar-rekwiżiti kollha tar-rapportar imposti fuq il-kumpaniji mid-dritt tal-Unjoni, inklużi għodod volontarji, imfassla skont id-daqs, is-settur, il-prodotti u s-servizzi ta' kumpanija, u l-iskopertura għar-riskju. Għandu jipprovdi wkoll aċċess għal informazzjoni dwar opportunitajiet ta' finanzjament u ta' tfigħ ta' offerti biex jgħin lill-kumpaniji jimplimentaw l-obbligi ta' diliġenza dovuta tagħhom, jikkonformaw magħhom u jibbenefikaw minnhom.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-pjattaformi tad-data rilevanti li jipprovdu informazzjoni lill-kumpaniji u lill-utenti tad-data jkunu interoperabbli u li d-data tkun tista' tiġi trażmessa, skambjata u analizzata mingħajr xkiel mil-lat tekniku u tikkomplementa l-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew.

2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa [24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] dwar il-ħtieġa li tipprevedi soluzzjonijiet teknoloġiċi għall-finijiet ta' din id-Direttiva, inkluż l-użu ta' intelliġenza artifiċjali affidabbli f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1689.